MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-8 ta' April, 2019

Rikors Maħluf Numru 269/15 LM

**James L. Hawkins (ID numru 48278A)**

***vs.***

**Seasus Limited (C 29821)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-23 ta' Marzu, 2015 mill-attur **James L. Hawkins** (K.I. numru 48278A) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

> *Illi permezz ta' Web Site Development Agreement datat 8 ta' Lulju, 2013 (anness u mmarkat bħala Dokument JH01), u ffirmat bejn ir-rikorrent u Seasus Limited (C 29821), is-soċjetà intimata, f'artikolu 1, obbligat ruħha li tipprovdi lir-rikorrent servizz li jikkonsisti fl-iżvilupp ta' website skont l-ispeċifikazzjonijiet annessi mal-istess kuntratt;*

*Illi, ai termini tal-artikolu 993 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u skont l-obbligazzjonijiet mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha kull obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi;*

*Illi s-soċjetà intimata Seasus Limited naqset li tonora, anzi kisret, diversi obbligi kontrattwali, ai termini tal-istess kuntratt u dan stante li l-website (bl-ispeċifikazzjonijiet imfissra fis-Schedule A tal-istess kuntratt), ma tlestietx bl-ebda mod u/jew b'mod li tiffunzjona, fit-terminu mogħti lilha u ċioe fi żmien tmien ġimgħat mid-data tal-iffirmar tal-istess kuntratt skont kif stipulat minn artikolu (i) tal-Appendix I anness mal-istess kuntratt;*

*Illi għalhekk sal-lum il-kuntratt għadu ma ġiex esegwit:*

*Illi x-xogħol li laħaq sar mis-soċjetà intimata, ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u wisq agħar, sar mingħajr il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja u di più s-soċjetà intimata taħti għal diversi ksur tal-obbligazzjonijiet tagħha skont il-kuntratt u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*Illi skont artikolu 7.1 (ii) tal-istess ftehim, is-soċjetà intimata intrabtet, iżda naqset, li s-servizzi tagħha 'shall be performed with reasonable skill and care';*

*Illi s-soċjetà intimata uriet negliġenza grossolana fl-evalwazzjoni tas-system code li r-rikorrent kien oriġinarjament talabha sabiex tevalwa u tirrapporta fuqu, kif ukoll fid-deskrizzjoni tal-code bħala 'state of the art', meta l-istess soċjetà intimata aktar tard sostniet li l-code ma kienx qed jiffunzjona sew għal kollox (Vide email datata 29 ta' Mejju, 2013 annessa u mmarkata bħala Dok. JH02);*

*Illi, stante n-nuqqas tas-soċjetà intimata li tesegwixxi l-kuntratt in kwistjoni, ġew ikkawżati danni sinifikanti lir-rikorrent, li min-naħa tiegħu kellu jikkuntratta software developer ieħor sabiex jagħtih l-istess servizzi li s-soċjetà intimata naqset li tlesti;*

*Illi s-soċjetà intimata kienet ftiehmet, iżda naqset, li tipprovdi lir-rikorrenti b'servizzi għall-iżvilupp ta' 'website on the world wide web', kif aħjar deskritta f'Schedule A u kif miftiehem f'artikolu 1 tal-kuntratt għas-servizzi;*

*Illi s-soċjetà intimata kienet qablet mal-ispecifications, sal-punt li aċċettat pagament b'cheque (anness u mmarkat bħala Dok. JH03) liema cheque ġie msarraf u l-irċevuta relattiva ġiet rilaxxata favur ir-rikorrent (Vide email datata 8 ta' Lulju, 2013) u rċevuta datata 11 ta' Ġunju, 2013 anness u mmarkati bħala Dok. JH 04), u liema pagament, skont artikolu 2.3 tal-kuntratt, ma kellux ikun dovut sakemm l-ispecifications ma jkunux maqbulin bejn il-partijiet;*

*Illi minkejja li s-soċjetà intimata setgħet għamlet xi xogħol minuri, is-servizzi li s-soċjetà intimata laħqet irrendiet kienu ta' kwalità tant inferjuri – bis-soċjetà intimata tagħmel biss sempliċiment żewġ paġni minn sebgħa u tletin paġna ta' Schedule A – li x-xogħol kien verament limitat, negliġibbli u ma kienx jiffunzjona, u li bħala konsegwenza ma setgħetx tingħata handover, għaliex ix-xogħol kien jirrikjedi li jsir mill-ġdid;*

*Illi minkejja li s-soċjetà intimata ngħatat diversi opportunitajiet sabiex tagħmel id-delivery kompleta tas-servizz miftiehem, din baqgħet ma tatx is-servizz komplut u kif miftiehem mar-rikorrent;*

*Illi s-soċjetà intimata Seasus Limited żgwidat lir-rikorrent, permezz ta' makkinazzjonijiet, u wegħdiet fiergħa u foloz, billi kkonvinċietu li kienet qiegħda konstantement taħdem fuq il-proġett, iżda meta wieħed iħares lura jsir aktar evidenti li s-soċjetà intimata ma kinitx qed tagħmel l-ebda xogħol, u per konsegwenza kienet qed tikkawża aktar danni lir-rikorrent. Dawn iċ-ċirkustanzi ser jiġu ppruvati matul il-proċeduri permezz ta' skambji ta' emails li seħħew bejn il-partijiet;*

*Illi permezz ta' ittra uffiċjali tat-28 ta' Marzu, 2014, ir-rikorrent interpella lis-soċjetà intimata sabiex, fost affarijiet oħra, tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha inkorsi minnha bħala riżultat tal-inadempjenza u non-osservanza tal-obbligi kuntrattwali;*

*Illi permezz ta' ittra uffiċjali tal-15 ta' April, 2014, is-soċjetà intimata, mhux talli ċaħdet il-pretensjonijiet tar-rikorrent, iżda saħansitra, mingħajr ebda bażi legali, iddeċidiet li tittermina l-ftehim datat 8 ta' Lulju, 2013, abbażi ta' artikolu 2.1 tal-kuntratt għas-servizzi;*

*Illi t-terminazzjoni sostnuta mis-soċjetà intimata abbażi tal-artikolu 2.1 tikkostitwixxi misrepresentation, u interpretazzjoni skorretta u żleali, tal-istess artikolu, stante li s-soċjetà intimata, għal xhur sħaħ, żgwidat lir-rikorrent meta ripetutament sostniet li kienet qed taħdem fuq il-proġett, sal-punt li s-soċjetà intimata żbankat iċ-cheque li altrimenti ma kienx ikun dovut jekk id-developer jonqos milli josserva l-obbligazzjonijiet tiegħu ai termini ta' artikolu 2.1 (Vide email datata 13 ta' Ġunju, 2013 annessa u mmarkata bħala Dok. JH 05 li tindika l-ispecifications miftehmin);*

*Illi, fi kwalunkwe każ, kull terminazzjoni sostnuta mis-soċjetà intimata ma taffettwax id-drittijiet akkumulati tar-rikorrenti għad-danni u għall-penali;*

*Illi r-rikorrent ikkorrisponda kemm-il darba mas-soċjetà intimata bit-tama li din tal-aħħar twettaq l-obbligi kontrattwali tagħha, iżda l-istess soċjetà intimata baqgħet*

*inadempjenti, minkejja l-iskambju ta' korrispondenza mas-soċjeta intimata sabiex din tlesti Schedule A kif stipulat fil-kuntratt;*

*Illi għaldaqstant, is-soċjetà intimata kisret l-obbligi kontrattwali tagħha versu r-rikorrent;*

*Illi għalhekk ir-rikorrenti ma kien baqalu ebda triq oħra għajr li jintavola r-rikors odjern b'talba speċifika għad-danni stante n-nuqqas tas-soċjetà intimata li tesegwixxi l-kuntratt pattwit bejn il-partijiet fl-intier tiegħu;*

*Għaldaqstant, l-esponenti qiegħed, bir-rispett, jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddeċiedi u tiddikjara illi s-soċjetà intimata naqset li tonora, anzi kisret, l-obbligi kuntrattwali tagħha naxxenti kemm mil-liġi, u ċioe dak ipprovdut minn artikli 993 u 1125 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll mill-istess kuntratt datat 8 ta' Lulju, 2013, u per konsegwenza r-rikorrent inkorra u sofra danni illi s-soċjetà intimata naqset milli tlesti x-xogħlijiet kuntrattati fl-intier tagħhom skont kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u li għalhekk għandha tinżamm responsabbli għad-danni;*

2. *Tillikwida d-danni kollha inkorsi mir-rikorrent bħala konsegwenza tan-nuqqas tas-soċjetà intimata li tonora, u tosserva l-obbligi kontrattwali tagħha, occorrendo b'opera ta' perit nominandi, liema danni jikkonsistu, u jinkludu, iżda mhux limitatament:*

   i) *fir-rifużjoni tal-pagamenti li saru għar-review system u għat-tlestija tad-development phase, u liema pagamenti li jammontaw għal tliet elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro (€3,776) saru mir-rikorrent b'bona fede minkejja li dawn ma kinux dovuti stante n-nuqqas ta' esegwiment tal-kuntratt;*

   ii) *fit-telf ta' qligħ mid-data oriġinali li fiha kellu jitlesta l-kuntratt, liema telf ta' qligħ ir-rikorrent diġà inkorra u għadu qed jinkorri, bħala konsegwenza tal-fatt li s-servizzi tal-website u servizzi oħra addizzjonali in kwistjoni, inkluż back-end core system, kif fuq imfisser, ma kinux ikkompletati;*

   iii) *il-penali skont il-kuntratt;*

   iv) *l-ispejjeż żejda li ħtieġlu, u jinħtieġlu, jinkorri r-rikorrent sabiex iqabbad developer ieħor sabiex iwettaq u jhejji l-website fuq deskritta; u*

   v) *danni oħra li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lill-attur id-danni u l-penalitajiet hawn fuq mitluba kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 28 ta' Marzu, 2014, u bl-imgħax legali mid-data tal-istess ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjetà intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Seasus Limited** (C 29821) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-22 ta' April, 2015, u maħlufa minn Kenneth Bone (K.I. 267375M), debitament awtorizzat in rappreżentanza tal-istess, li biha eċċepiet:

1. *Illi, t-talbiet tal-attur, li jistrieħu fuq non-adempjenza kuntrattwali da parti tas-soċjetà intimati, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa għas-segwenti raġunijiet:*

2. *Illi assolutament mhuwiex minnu li s-soċjetà intimata f'xi mod ma onoratx l-obbligi tagħha bħala bonus paterfamilias, mhux talli hekk talli marret ben oltre d-dmirijiet raġonevoli tagħha, iżda dan kollu kien ta' xejn stante li l-attur qatt ma kellu l-intenzjoni li jara li s-sit elettroniku li huwa s-suġġett tal-kuntratt in kwistjoni jiġi mlesti u stabbilit, u dan kif ser jirriżulta ampjament fil-mori tal-kawża;*

3. *Illi fi kwalunkwe każ u bla ebda preġudizzju għas-suespost, l-intimat ma ġarrab ebda telf u ma jistħoqqlu li jiġu likwidati ebda danni favurih;*

4. *B'riserva ta' difiża ulterjuri.*

*<u>Fatti tal-każ:</u>*

5. *Illi s-soċjetà intimata topera fis-settur tal-informatika, inter alia fl-iżvilupp ta' siti elettroniċi (websites) u sistemi elettroniċi oħra;*

6. *Illi permezz ta' ftehim milħuq f'Lulju 2013 (anness u mmarkat bħala Dokument JH01 mar-rikors ġuramentat) Seasus Limited ġiet imqabbda, għas-somma pattwita ta' disat elef u ħames mitt Euro (€9,500), sabiex tikkompleta sit elettroniku sabiex ir-rikorrenti jkun jista' jniedi proġett ġdid ta' servizzi finanzjarji elettroniku, li kellu jġib l-isem ta' iQtrades li permezz tiegħu r-rikorrenti kien ser jittanta li jibda jagħti pariri*

*finanzjarji lil terzi versu l-ħlas ta' korrispettiv li kien ser jiddependi fuq jekk il-pariri tiegħu ikollhomx eżitu favorevoli o meno;*

7. *Illi kull ma kellha tagħmel is-soċjetà intimata, kien li tikkompleta s-sit, li x-xogħol fuqu ġia kien ilu li nbeda mill-2011 u li ġia kien għadda minn taħt idejn tal-anqas erba' kuntratturi oħra minn dak iż-żmien, sabiex dan ikun jista' jiġi varat għall-ewwel darba l-iQtrades. Ħarsa lejn is-sit (stampa tas-sit tinsab annessa u mmarkata bħala dokument SS002) turi li s-sit għadu lanqas beda jaħdem sal-lum;*

8. *Illi ġara li wara li ġie ffirmat il-kuntratt li kien jipprovdi riserva li l-partijiet kellhom jilħqu ftehim fuq l-ispeċifikazzjonijiet (Artikolu 2 tal-kuntratt), ċioe d-dettalji tekniċi kollha neċessarji sabiex Seasus Limited tkun tista' tlesti s-sit, il-partijiet ma setgħux jilħqu ftehim fuq dawn l-ispeċifikazzjonijiet;*

9. *Illi dan il-ftehim ma setax jintlaħaq stante li Hawkins ma kienx qed ikun raġonevoli fir-rikjesti tiegħu f'tali mod li dak li kellu jkun proġett sa ċertu punt di facile spedizione, ta' kompletazzjoni ta' sit li kien ġia suppost fi stadju avvanzat ta' programmazzjoni, beda jinbidel u jsir wieħed ferm aktar kumplikat;*

10. *Illi għalhekk, proġett li inizjalment Hawkins kien jgħid, f'mod qarrieqi, li lanqas kellu valur ta' 12,000 Euro, tant li baqa' jġebbed sakemm niżżel il-prezz pattwit għal 9,500 Euro, ġie eventwalment mibdul u miżjud b'mod qarrieqi minn Hawkins għall-proġett ta' valur li deher li jeċċedi s-60,000 Euro meta l-partijiet kienu qed jippruvaw jilħqu ftehim fuq l-ispeċifikazzjonijiet u dan minħabba l-fatt li Hawkins kien qed jippretendi li jingħata ferm aktar minn dak li kien indika inizjalment filwaqt li ma kienx kapaċi hu nnifsu jipprovdi dak li kien wiegħed li kellu jkun lest fil-bidu tal-proġett;*

11. *Illi s-soċjetà intimata sussegwentement skopriet, kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-mori ta' din il-kawża, li dan l-aġir ma kienx ġdid għal Hawkins, li fil-fatt ġia kien beda dan il-proġett ma' entitajiet oħrajn u kien ġab ruħu magħhom fl-istess mod kif ġab ruħu mas-soċjetà intimata u ċioe f'mod li l-ewwel jara li jinbena parti mis-sit u wara jesaspera lil kull min jaħdem fuq il-proġett f'tali mod li jġiegħhelhom jirrinunzjaw għall-proġett u jieħu l-partijiet mitmuma bla ħlas, b'theddid li ser jirrovinahom finanzjarjament u imbagħad imur ifittex lil xi ħaddieħor sabiex ikomplilu l-proġett;*

12. *Illi f'Marzu 2013, fil-kuntest ta' dawn in-negozjati bejn il-partijiet sabiex jintlaħaq ftehim fuq l-ispeċifikazzjonijiet, Hawkins għaġbu jintavola ittra uffiċjali kontra s-soċjetà konvenuta (annessa u mmarkata bħala dokument SS003) fejn inter alia talab ħlas ta' penali ammontanti għal €15,120 u rifużjoni ta' depożitu mħallas minnu ta' €3,200 u dan minħabba allegat dewmien sabiex jiġi kompletat il-proġett meta l-*

*partijiet lanqas biss kienu ftiehmu fuq dak li kien meħtieġ permezz tal-ispeċifikazzjonijiet;*

13. *Illi fid-dawl tal-impossibilità li tibqa' miexja f'dan il-mod is-soċjetà Seasus irrispondiet għall-imsemmija ittra uffiċjali permezz ta' ittra uffiċjali oħra (annessa u mmarkata bħala dokument SS004) fejn inter alia rrespinġiet il-pretensjonijiet ta' Hawkins u formalment itterminat il-kuntratt;*

14. *Illi in segwitu għal dan l-iskambju ta' ittri uffiċjali, in piena buona fede u sabiex tipprova tikkompleta dan il-proġett u ovvjament mingħajr ebda preġudizzju, is-soċjetà Seasus Limited aċċettat li tiltaqa' ma' Hawkins diversi drabi, fuq medda ta' diversi xhur u għal sigħat twal, sabiex tinsab soluzzjoni bonarja għall-akkadut u sabiex is-sit jitnieda;*

15. *Illi minkejja li Seasus Ltd għamlet ammont sostanzjali ta' xogħol aktar fuq dawn l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett bl-intenzjoni li jintlaħaq ftehim reċiproku fuq x'għandu jinkludi l-proġett u l-metodi tekniċi li għandhom jintużaw, il-partijiet ma setgħux jaslu għal qbil, kif jirriżulta minn diversi emails, dokumenti u verżjonijiet ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet li ser jiġu ppreżentati fil-mori tal-kawża, stante li Hawkins baqa' jippretendi li jingħata ferm u ferm aktar minn dak li kien oriġinarjament indikat, għad li dawn kienu qed jiġu offerti minn Seasus purament biex jintlaħaq ftehim u mhux għax f'xi mod kienu dovuti;*

16. *Illi dan kien qed isir b'intenzjoni qarrieqa stante li fil-fatt huwa ċar li Hawkins qatt ma ried jasal iżda ried biss li finalment jieħu prodott b'xejn jew għal ħafna inqas milli jiswa sabiex wara jkun jista' jagħmel użu minnu fil-proġett tiegħu li finalment kien biss wieħed sperimentattiv, fi stat embrijoniku, li madankollu donnu jrid jargumenta li seta' jiggarantixxi dħul sostanzjali;*

17. *Illi tant hu hekk li wara ħafna laqgħat twal, bil-parteċipazzjoni ta' uffiċjali ewlenin ta' Seasus Ltd u tentattivi sinċieri da parte tal-intimati sabiex tinsab soluzzjoni, kollha kemm huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-partijiet, id-diskussjoni kkrollat u Hawkins irrifjuta ħesrem li jkompli jiltaqa' sabiex jintlaħaq ftehim, għal raġunijiet li ma humiex mifhuma minn Seasus Ltd, billi kull meta l-partijiet kienu donnhom ikunu waslu viċin għal ftehim dan kien jisfuma fix-xejn stante li Hawkins kien ibiddel ir-rekwiżiti tiegħu;*

18. *Illi dan hekk kif jirriżulta mill-ittra ta' Hawkins datata 17 ta' Ottubru, 2014 (annessa u mmarkata bħala Dokument SS005);*

19. *Illi minn dak in-nhar sal-ġurnata tal-25 ta' Marzu, 2015, il-jum meta ġew notifikati bis-sekwestru riferit, Seasus Limited ma reġgħet semgħet xejn mingħand Hawkins;*

20. *Illi l-intimata tissottometti umilment li Hawkins kien ikun aggressiv ħafna lejn ir-rappreżentanti ta' Seasus Limited u diversi drabi hedded li jekk ma jingħatax dak li ried kien ser jirrovina l-operat tal-kumpannija u fil-fatt jidher determinat li jagħmel hekk permezz ta' din il-kawża u s-sekwestru relattiv;*

21. *Illi għalhekk mhux talli t-talbiet tar-rikorrenti għall-ħlas huma infondati, talli hija s-soċjetà intimata li għandha dritt tal-azzjoni għad-danni kontra r-rikorrenti għat-telf li ġarrbet minħabba x-xogħol u l-ħin dedikat lill-proġett u l-ħsara li qed iġarrab bħala konsegwenza ta' dawn il-proċeduri malizzjużi kontriha li qed isarrfu f'telf ta' xogħol kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur;*

22. *Illi dwar il-fatti kif esposti fir-Rikors Ġuramentat, f'paragrafi mhux numerati, dawn qegħdin jiġu kkontestati sa fejn ma humiex konsistenti ma' dak hawn dikjarat u l-attur, hekk jidhirlu, għandu jissostanzja dak li qed jallega fl-istess premessi;*

23. *Illi l-esponenti jaf il-fatti fuq imsemmija di scientia propria;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, is-soċjetà intimata Seasus Limited titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet attriċi bħala infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u tiddikjara li s-soċjetà intimata m'għandha xejn xi tħallas lir-rikorrenti, bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat il-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta **Seasus Limited** (C 29821), ippreżentata flimkien mar-Risposta Maħlufa tagħha, li ġiet maħlufa minn Kenneth Bone (K.I. numru 267375M), debitament awtorizzat in rappreżentanza tal-istess, li tgħid kif ġej:

1. *Illi s-soċjetà Seasus Limited topera fis-settur tal-informatika, inter alia fl-iżvilupp ta' siti elettroniċi (websites) u sistemi elettroniċi oħra;*

2. *Illi permezz ta' ftehim milħuq f'Lulju 2013 (anness u mmarkat bħala dokument JH01 mar-rikors ġuramentat) Seasus Limited ġiet imqabbda, għas-somma pattwita ta' disat elef, u ħames mitt Euro (€9,500) sabiex tikkompleta sit elettroniku sabiex James Hawkins ikun jista' jniedi proġett ġdid ta' servizzi finanzjarji elettroniku, li*

*kellu jġib l-isem ta' iQtrades li permezz tiegħu Hawkins kien ser jittanta li jibda jagħti pariri finanzjarji lil terzi versu l-ħlas ta' korrispettiv li kien ser jiddependi fuq jekk il-pariri tiegħu ikollhomx eżitu favorevoli o meno;*

3. *Illi kull ma kellha tagħmel Seasus kien li tikkompleta s-sit, li ġia kien ilu li x-xogħol fuqu kien ilu li nbeda mill-2011 u li ġia kien għaddej minn taħt idejn tal-inqas erba' kuntratturi oħra minn dak iż-żmien, sabiex dan ikun jista' jiġi varat għall-ewwel darba l-iQtrades. Ħarsa lejn is-sit (stampa tas-sit tinsab annessa u mmarkata bħala dokument SS002) turi li s-sit għadu lanqas beda jaħdem sal-lum;*

4. *Illi ġara li wara li ġie ffirmat il-kuntratt li kien jipprovdi riserva li l-partijiet kellhom jilħqu ftehim fuq l-ispeċifikazzjonijiet (Artikolu 2 tal-kuntratt), ċioe d-dettalji tekniċi kollha neċessarji sabiex Seasus Limited tkun tista' tlesti s-sit, il-partijiet ma setgħux jilħqu ftehim fuq dawn l-ispeċifikazzjonijiet;*

5. *Illi dan il-ftehim ma setax jintlaħaq stante li Hawkins ma kienx qed ikun raġonevoli fir-rikjesti tiegħu f'tali mod li dak li kellu jkun proġett sa ċertu punt di facile spedizione, ta' kompletazzjoni ta' sit li kien ġia suppost fi stadju avvanzat ta' programmazzjoni, beda jinbidel u sar wieħed ferm aktar komplikat;*

6. *Illi għalhekk, proġett li inizjalment Hawkins kien jgħid, f'mod qarrieqi, li lanqas kellu valur ta' 12,000 Euro, tant li baqa' jġebbed sakemm niżżel il-prezz pattwit għal 9,500 Euro, ġie eventwalment mibdul u miżjud b'mod qarrieqi minn Hawkins għal proġett ta' valur li deher li jeċċedi s-60,000 Euro meta l-partijiet kienu qed jippruvaw jilħqu ftehim fuq l-ispeċifikazzjonijiet u dan minħabba l-fatt li Hawkins kien qed jippretendi li jingħata ferm aktar minn dak li kien ingħata inizjalment, filwaqt li ma kienx kapaċi hu nnifsu jipprovdi dak li kien wiegħed li kellu jkun lest fil-bidu tal-proġetti;*

7. *Illi Seasus sussegwentement skopriet, kif ser jiġi ampjament pruvat fil-mori ta' din il-kawża, li dan l-aġir ma kienx ġdid għal Hawkins, li fil-fatt ġia kien beda dan il-proġett ma' entitajiet oħrajn u kien ġab ruħu magħhom fl-istess mod kif ġab ruħu ma' Seasus u ċioe f'mod li l-ewwel jara li jinbena parti mis-sit u wara jesaspera lil kull min jaħdem fuq il-proġett b'tali mod li jġiegħelhom jirrinunzjaw għall-proġett u jieħu l-partijiet mitmuma bla ħlas, b'theddid li ser jirrovinahom finanzjarjament u imbagħad imur ifittex lil xi ħadd ieħor sabiex ikomplilu l-proġett;*

8. *Illi f'Marzu 2013, fil-kuntest ta' dawn in-negozjati bejn il-partijiet sabiex jintlaħaq ftehim fuq l-ispeċifikazzjonijiet, Hawkins għoġbu jintavola ittra uffiċjali kontra Seasus (annessa u mmarkata bħala dokument SS003) fejn inter alia talab ħlas ta'*

*penali ammontanti għall-€15,120 u rifużjoni ta' depożitu mħallas minnu ta' €3,200 u dan minħabba allegat dewmien sabiex jiġi kompletat il-proġett meta l-partijiet lanqas biss kienu ftiehmu fuq dak li kien meħtieġ permezz tal-ispeċifikazzjonijiet;*

9. *Illi fid-dawl tal-impossibilità li tibqa' miexja f'dan il-mod is-soċjetà Seasus irrispondiet għall-imsemmija ittra uffiċjali permezz ta' ittra uffiċjali oħra (annessa u mmarkata bħala dokument SS004) fejn inter alia rrespinġiet il-pretensjonijiet ta' Hawkins u formalment itterminat il-kuntratt;*

10. *Illi in segwitu għal dan l-iskambju ta' ittri uffiċjali, in piena buona fede u sabiex tipprova tikkompleta dan il-proġett u ovvjament mingħajr ebda preġudizzju, is-soċjetà Seasus Limited aċċettat li tiltaqa' ma' Hawkins diversi drabi, fuq medda ta' diversi xhur u għal sigħat twal, sabiex tinsab soluzzjoni bonarja għall-akkadut u sabiex is-sit jitnieda;*

11. *Illi minkejja li Seasus Limited għamlet ammont sostanzjali ta' xogħol aktar fuq dawn l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett bl-intenzjoni li jintlaħaq ftehim reċiproku fuq x'għandu jinkludi l-proġett u l-metodi tekniċi li għandhom jintużaw il-partijiet ma setgħux jaslu għal qbil, kif jirriżulta minn diversi emails, dokumenti u verżjonijiet ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet li ser jiġu ppreżentati fil-mori tal-kawża, stante li Hawkins baqa' jippretendi li jingħata ferm u ferm aktar minn dak oriġinarjament indikat, mingħajr ma jħallas għalih u assolutament ma riedx jaċċetta kompromessi raġonevoli għad li dawn kienu qed jiġu offerti minn Seasus purament biex jintlaħaq ftehim u mhux għax f'xi mod kienu dovuti;*

12. *Illi dan kien qed isir b'intenzjoni qarrieqa stante li fil-fatt huwa ċar li Hawkins qatt ma ried jasal iżda ried biss li finalment jieħu prodott b'xejn jew għal ħafna inqas milli jiswa sabiex wara jkun jista' jagħmel użu minnu fil-proġett tiegħu li finalment kien biss wieħed sperimentattiv, fi stat embrijoniku, li madankollu hu jargumenta li seta' jiggarantixxi dħul sostanzjali;*

13. *Illi tant hu hekk li wara ħafna laqgħat twal, bil-parteċipazzjoni ta' uffiċjali ewlenin ta' Seasus Limited u tentattivi sinċieri da parti tal-intimati sabiex tinsab soluzzjoni, kollha kemm huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-partijiet, id-diskussjoni kkrollat u Hawkins irrifjuta ħesrem li jkompli jiltaqa' sabiex jintlaħaq ftehim, għal raġunijiet li ma humiex mifhuma minn Seasus Limited, billi kull meta l-partijiet kienu donnhom ikunu waslu viċin għal ftehim dan kien jisfuma fix-xejn stante li Hawkins kien ibiddel ir-rekwiżiti tiegħu;*

14. *Illi dan hekk kif jirriżulta mill-ittra ta' Hawkins datata 17 ta' Ottubru, 2014 (annessa u mmarkata bħala dokument SS005);*

15. *Illi minn dak in-nhar sal-ġurnata tal-25 ta' Marzu, 2015, il-jum meta ġew notifikati bis-sekwestru riferit, Seasus Limited ma reġgħet semgħet xejn mingħand Hawkins;*

16. *Illi Hawkins kien ikun aggressiv ħafna lejn ir-rappreżentanti ta' Seasus Limited u diversi drabi hedded li jekk ma jingħatax dak li ried kien ser jirrovina l-operat ta' kumpannija u fil-fatt jidher determinat li jagħmel hekk permezz ta' din il-kawża u s-sekwestru relattiv;*

17. *Illi għalhekk mhux talli t-talbiet ta' Hawkins huma infondati talli s-soċjetà Seasus Limited li għandha dritt li tiġi riżarċitata d-danni minnu għat-telf li ġarrbet minħabba x-xogħol u l-ħin dedikat lill-proġett u l-ħsara li qed iġġarrab bħala konsegwenza ta' dawn il-proċeduri u minħabba l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru malizzjuż kontriha li qed isarrfu f'telf ta' xogħol kemm preżenti kif ukoll futuri;*

18. *Illi dawn il-fatti kollha huma magħrufa personalment mill-esponenti;*

*Jgħid għalhekk l-istess James Hawkins għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tkun neċessarja:*

1. *Tiddikjara li Seasus Limited aġixxiet in buona fede u ma kisret ebda obbligu kuntrattwali;*
2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi kien James Hawkins li nqeda mis-servizzi ta' Seasus Limited in mala fede u b'intenzjoni qarrieqa;*
3. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-mandat ta' sekwestru numru 476/15 fl-ismijiet James L. Hawkins vs Seasus Limited ġie intavolat minn James Hawkins b'intenzjoni malizzjuża u/jew mingħajr fundament legali u/jew fattwali;*
4. *Tiddikjara u tiddeċiedi li konsegwentement għal dan l-aġir James Hawkins ikkawża danni lil Seasus Limited;*
5. *Tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta' periti tekniċi, id-danni hekk ikkawżati lil Seasus Limited;*
6. *Tikkundanna lil James Hawkins iħallas lil Seasus Limited id-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż kollha, inlkużi l-ispejjeż tal-Mandat ta' Sekwestru tal-ittra uffiċjali riferiti u bl-imgħax legali sal-effettiv pagament kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-attur rikonvenzjonat għat-talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti **Seasus Limited** (C 29821), li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Mejju, 2015 minn James L. Hawkins innifsu, li biha eċċepixxa:

*Illi t-talbiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenjenti Seasus Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra tagħha għas-segwenti raġunijiet:*

*Eċċezzjonijiet:*

1. *Illi, preliminarjament, l-ewwel talba rikonvenzjonali hija iżjed ta' natura eċċezzjonali, milli ta' talba, ossia domanda f'kawża (jew fil-każ odjern kontro-talba) u kwindi, stante illi l-ewwel talba mhijiex f'lokha, għandha tiġi skartata minn din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi, subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikonvenzjoni intavolati mis-soċjetà konvenuta rikonvenjenti m'għandhiex tintlaqa' stante li din il-kontro-talba mhix konnessa mat-talba tal-attur rikonvenut Hawkins kif trid il-Liġi*[1]*;*

3. *Illi, subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, b'riferenza għall-ewwel (1) talba rikonvenzjonali mhuwiex minnu illi s-soċjetà konvenuta rikonvenjenti Seasus Limited aġixxiet in buona fede u li ma kisret ebda obbligu kuntrattwali u dan kif ammess minnha stess*[2] *u kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, b'riferenza għat-tieni (2) talba rikonvenzjonali, mhuwiex minnu dak allegat mis-soċjetà konvenuta rikonvenjenti Seasus Limited li l-attur rikonvenut Hawkins inqeda mis-servizzi tagħha 'in mala fede' u b'intenzjoni qarrieqa u kwindi t-talba rikonvenzjonali għad-danni għandha tiġi miċħuda;*

[1] Ara l-artiklu 396(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
[2] Ara *inter alia* l-email mibgħuta minn Kenneth Bone (*managing director* ta' Seasus Limited) lil James Hawkins fit-3 ta' Diċembru, 2013, hawn annessa u mmarkata Dok. SE5.

5. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, b'riferenza għat-tielet (3) talba u dawk sussegwenti, mhuwiex minnu dak allegat mis-soċjetà konvenuta rikonvenjenti Seasus Limited li l-mandat ta' sekwestru numru 476/15 fl-ismijiet James L. Hawkins vs Seasus Limited ġie intavolat mill-attur rikonvenut Hawkins b'intenzjoni malizzjuża u/jew mingħajr fundament legali u/jew fattwali u kwindi t-talba rikonvenzjonali għad-danni għandha tiġi miċħuda. Bil-ħruġ tas-sekwestru 'de quo' l-attur rikonvenut Hawkins m'għamel xejn ħlief li eżerċita d-dritt mogħti lilu mil-liġi, u ġialadarba ma kien hemm ebda abbuż jew qerq, l-ebda danni m'huma dovuti lis-soċjetà konvenuta rikonvenjenti;*

6. *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-fatti allegati fil-premessi tal-kontro-talba huma kollha inveritieri u l-attur rikonvenut Hawkins jirriserva d-dritt illi jġib provi sabiex jikkontradixxihom;*

7. *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, in ogni caso, kwalunkwe danni jridu jiġu ppruvati;*

8. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża odjerna essenzjalment inbdiet bħala azzjoni għad-danni pretiżi mill-attur li kien daħal fi ftehim mas-soċjetà konvenuta għall-provvista ta' servizzi relatati mal-iżvilupp ta' *website* li s-soċjetà konvenuta kellha tlesti skont speċifikazzjonijiet li kellhom jiġu mgħoddija lilha mill-attur fi żmien tmien (8) ġimgħat mid-data tal-iffirmar tal-ftehim bejn il-partijiet. Ġara li l-perijodu ta' żmien li matulu kellu jitlesta l-proġett tal-attur għadda inutilment, bil-partijiet iwaħħlu f'xulxin għall-fatt li l-proġett baqa' bilkemm inbeda, bl-attur jallega li s-soċjetà konvenuta kienet aċċettat l-inkarigu mingħajr ma kellha nies kompetenti biex jagħmlu x-xogħol rikjest minnu, u bl-esponenti tas-soċjetà konvenuta jallegaw li l-attur beda jagħmel il-ħajja tad-diversi persuni li ħadmu fuq il-proġett tiegħu diffiċli ferm, b'tibdil kontinwu ta' dak li kien rikjest minnu, b'indħil f'materji li mad-daqqa t'għajn kienu jidhru faċli u li setgħu jitlestew malajr, iżda li bdew jikkumplikaw ruħhom minħabba l-attitudni tal-attur, u li kien proprju għalhekk li l-proġett ma tlestiex fiż-żmien miftiehem. L-attur allega li s-soċjetà konvenuta naqset milli tesegwixxi l-ftehim bejn il-partijiet in buona fede, u li ċerti elementi mill-kuntratt li kellu jirregola r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet ma ġewx onorati jekk mhux addirittura ġew miksurin minnha. L-attur allega wkoll li l-ftit xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta ma sarx skont is-sengħa u l-arti, anzi sar mingħajr il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, u konsegwenza ta' dan huwa sofra danni sostanzjali u telf ta' profitt. Kien fid-dawl ta' dan li l-attur ipproċeda b'din l-azzjoni fejn qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li s-soċjetà konvenuta naqset li tonora, anzi kisret l-obbligi kontrattwali naxxenti mil-liġi u mill-kuntratt iffirmat fit-8 ta' Lulju, 2013 li kellu jirregola r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, flimkien ma' talba għal-likwidazzjoni tad-danni

sofferti minnu, fosthom ir-rifużjoni ta' pagamenti li saru minnu għar-*review system* u għat-tlestija tad-*development phase,* ammontanti għal €3,776, liema flejjes l-attur jallega li tħallsu minnu in buona fede minkejja li ma kinux dovuti, ħlas ta' telf ta' profitti sofferti minnu, ħlas ta' penali kkontemplati fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, ħlas ta' spejjeż li l-attur inkorra sabiex ingaġġa *developer* ieħor li seta' jlesti x-xogħol hu, u likwidazzjoni ta' danni oħra allegatament sofferti minnu, b'talba għall-kundanna tas-soċjetà konvenuta għall-ħlas tad-danni.

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta wieġbet li t-talbiet tal-attur huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u li l-asserzjonijiet magħmula minnu li hija naqset li tonora l-obbligi kontrattwali tagħha huma fiergħa, stante li hi marret oltre dak li kien mistenni li jsir minnha sabiex tassigura li l-*website* li ntalbet tiżviluppa mill-attur titlesta skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-klijent, li kien talab l-għajnuna tagħha b'urġenza wara li l-iżviluppatur li kien qiegħed jaħdem fuq is-sit qabel kien waqqaf l-operat tiegħu. Is-soċjetà konvenuta allegat li l-attur beda kulma jmur isir aktar esiġenti u jikkomplika n-natura tal-proġett tiegħu, u dan beda jippretendi kwantità ta' xogħol li ma kienx previst fiż-żmien meta ġie ffissat il-prezz li s-soċjetà konvenuta kellha titħallas għall-provvista ta' dan is-servizz. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet marret għall-agħar tant li l-attur intavola ittra uffiċjali kontra s-soċjetà konvenuta fejn talab ħlas ta' penali u ħlas lura tad-depożitu mħallas minnu. Ir-risposta tas-soċjetà konvenuta għal din l-ittra uffiċjali kienet li l-kuntratt bejn il-partijiet kien qiegħed jiġi tterminat stante li l-attur kien naqas milli jipprovdi l-ispeċifikazzjonijiet tal-funzjonabbilità għall-proġett skont it-termini tal-kuntratt, u li għalhekk is-soċjetà konvenuta qatt ma setgħet tibda x-xogħol fuq il-proġett minħabba nuqqas ta' ftehim dwar fiex kellu jikkonsisti dan il-proġett. Is-soċjetà

konvenuta eċċepiet li saru diversi laqgħat bejn il-partijiet f'tentattiv sabiex tinstab soluzzjoni bonarja, iżda tali soluzzjoni ma nstabitx minħabba li l-attur beda jippretendi affarijiet li ma kinux jagħmlu sens kummerċjali għas-soċjetà konvenuta u kien qiegħed jippretendi ħafna xogħol li għalih ma kienx stipulat ħlas mill-partijiet, bl-iskuża li dan kien proġett li għalih kien hemm qbil għal ħlas fiss. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll li kienet hi li sofriet danni u telf, partikolarment wara li l-attur intavola żewġ mandati ta' sekwestru, wieħed kontra s-soċjetà konvenuta għall-ammont ta' tliet mitt elf Euro (€300,000), li sussegwentement tnaqqsu mill-Qorti għal ħamsin elf Euro (€50,000) u ieħor fil-konfront ta' klijenti tas-soċjetà konvenuta, ukoll għall-ammont ta' tliet mitt elf Euro (€300,000), aġir dan li wassal biex is-soċjetà konvenuta sofriet danni reputazzjonali attwali u ġarrbet ukoll ir-riżenja ta' diversi impjegati li bdew jitilquha minħabba li bdew jibżgħu li l-vijabbilità finanzjarja tas-soċjetà konvenuta kienet kompromessa b'dawn il-ġrajjiet.

Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti ressqet kontrotalba fejn talbet lill-Qorti tiddikjara li hi dejjem imxiet b'buona fede u ma kisret l-ebda obbligu kontrattwali fil-konfront tal-attur. Talbet ukoll lill-Qorti tiddikjara li kien l-attur li nqeda bis-servizzi tas-soċjetà konvenuta in mala fede u b'intenzjoni qarrieqa. Talbet ukoll li l-Qorti tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet **Hawkins *vs.* Seasus** ġie intavolat mill-attur rikonvenzjonat b'intenzjoni malizzjuża u/jew mingħajr fundament legali u/jew fattwali, filwaqt li talbet lill-Qorti tiddikjara li dan l-aġir ikkawża danni lis-soċjetà konvenuta, b'talba għal-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas ta' tali danni da parti tal-attur rikonvenzjonat.

L-attur rikonvenzjonat wieġeb li t-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetà konvenuta mhumiex konnessi mat-talbiet tal-attur u għalhekk ma setgħux jitressqu permezz ta' kontrotalba, filwaqt li ċaħad li s-soċjetà Seasus aġixxiet in buona fede jew li din ma kisret l-ebda obbligu kuntrattwali. L-attur ċaħad ukoll li kien hemm xi mala fede min-naħa tiegħu f'din ir-relazzjoni kummerċjali. Ġie eċċepit ukoll li l-fatti fil-kontrotalba huma għalkollox inveritieri u li kwalsiasi danni pretiżi mis-soċjetà konvenuta għandhom jiġu ppruvati minnha.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur, l-attur ippreżenta kopja tal-*website development agreement* iffirmat mill-partijiet[3] fit-8 ta' Lulju, 2013. L-Artikolu 2.1 tal-imsemmi ftehim, li ġie ċċitat mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti in sostenn tal-pretensjoni tagħha li l-ftehim bejn il-partijiet kien ġie tterminat meta dawn naqsu li jiftiehmu dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett, jistipula illi:

> "*Developer, in consultation with Client, shall prepare detailed written specifications for the Web Site (the 'Specifications'). The Specifications shall consist of, among other things, a design for the Web Site, a flow chart of the pages for the Web Site, programming and interactive feature requirements, and the placement of any content or other materials which are to be incorporated into the Web Site. The Specifications shall be subject to any restrictions or limitations set forth in Schedule A. If the Parties are unable to agree in writing to mutually acceptable Specifications, after using good faith efforts, on or before days after the Commencement Date, either party may terminate this Agreement by providing written notice to the other party. Such termination shall not relieve the Client from the obligation of paying Developer for all fees due and owing Developer as of the date of such termination.*"

[3] *A fol.* 6 tal-proċess.

Dan il-ftehim jistipula wkoll li l-proġett li kellha taħdem fuqu s-soċjetà konvenuta Seasus Limited kellu jkun lest fi żmien tmien (8) ġimgħat mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt, b'dettalji dwar kif kellu jsir il-ħlas għall-proġett, u bi klawżola fejn ġie stipulat il-ħlas ta' penali f'każ li l-proġett ma jkunx lest fiż-żmien miftiehem bejn il-partijiet. L-attur esebixxa wkoll korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet fl-istadju ta' qabel l-iffirmar tal-ftehim bejniethom[4], kif ukoll kopji ta' ċekkijiet fir-rigward tal-ħlas inizjali magħmul minnu, u li kien jammonta għal tlett elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro (€3,776).[5]

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta Seasus Limited esebiet kopja ta' immaġni meħuda mill-*website iQtrades.com*, l-isem li bih kellu jibda jinnegozja l-attur rikonvenzjonat, u li jindika li dan is-sit kien għadu mhux komplut u lanqas ma kien jiffunzjona fiż-żmien meta nbdiet din il-kawża.[6] Ġew esebiti wkoll kopji tal-ittri uffiċjali li l-partijiet intavolaw fil-konfront ta' xulxin.[7]

Flimkien mar-risposta għall-kontrotalba intavolata mill-attur rikonvenzjonat, dan esebixxa kopji ta' diversi *emails* mibgħuta bejn l-attur u Kenneth Bone, *managing director* ta' Seasus Limited, fil-perijodu bejn Mejju 2013 u Awwissu 2014.[8]

L-attur **James Hawkins** fl-*affidavit* tiegħu[9] qal li hu sar jaf bis-soċjetà konvenuta Seasus Limited wara li kien diġà ingaġġa *website developer* ieħor li kien beda x-xogħol fuq l-iżvilupp tal-*website* li ried l-attur, liema xogħol iżda kellu jieqaf minħabba li l-kumpannija li hu kien ingaġġa oriġinarjament ġiet

[4] *A fol.* 19 tal-proċess.
[5] *A fol.* 21 tal-proċess.
[6] *A fol.* 42 tal-proċess.
[7] *A fol.* 43 u 44 tal-proċess.
[8] *A fol.* 54 *et seq.* tal-proċess.
[9] *A fol.* 112 tal-proċess.

likwidata. Qal li fl-ewwel laqgħat li kellu mar-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta, dawn kienu kkonvinċewh li huma setgħu jipprovdu l-prodott komplut u żviluppat skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija minnu, u dan minkejja li x-xogħol fuq il-proġett kien diġà nbeda minn ħaddieħor. L-attur qal li l-prezz mitlub mis-soċjetà konvenuta kien jirrifletti x-xogħol komplut li din kienet rikjesta li tipprovdi.

L-attur żied jgħid li hu kien għadda total ta' ħames mija u tlieta u sebgħin (573) *file* lil Seasus Limited sabiex din tkun f'qagħda li taħdem fuq is-sistema li hi kellha tkompli tiżviluppa wara x-xogħol li kien diġà nbeda minn kuntrattur ieħor. Wara li kienu għaddew 18-il xahar li matulhom is-soċjetà konvenuta naqset li tipprovdi dak rikjest minnha, irriżultalu li minn dawn il-*files* kollha, Seasus kienet għamlet tibdil f'disa' *files* biss, filwaqt li kkreat biss seba' *files* ġodda, uħud minnhom b'kontenut minimu ħafna. F'xi każijiet il-kontenut ġdid li ħadmet fuqu Seasus Limited kien biss ta' tmienja u għoxrin (28) linja. L-attur qal li s-soċjetà konvenuta għamlet biss xogħol minimu fuq il-proġett, u dan minkejja l-assigurazzjonijiet ripetutament mogħtija minnha li x-xogħol fuq il-proġett tal-attur kien kważi lest. L-attur spjega kif fl-ewwel laqgħa li hu kellu ma' Kenneth Bone, il-*managing director* ta' Seasus Limited, dan kien assigurah li hu kellu l-kapaċità u r-riżorsi biex jaħdem fuq il-proġett tal-attur. L-attur żied jgħid li wara xi żmien hu kien sar jaf li l-impjegati tas-soċjetà konvenuta ma kellhomx l-għarfien rikjest fl-użu tal-*Javascript,* li hi l-lingwa li l-programm rikjest mill-attur kellu jiġi żviluppat biha. L-attur kompla jgħid li f'Mejju tal-2013, hu kien iffaċilita laqgħa bejn Bone u l-iżviluppatur preċedenti li ħadem fuq il-proġett tal-attur, ċertu Bernard Gatt, għalkemm f'din il-laqgħa d-diskussjoni ma ċċentratx fuq il-proġett tal-attur iżda fuq xnigħat li kienu qegħdin iduru fl-industrija tal-informatika. Qal li meta Kenneth Bone ra l-*code*

tal-proġett tal-attur, dan kien iddeskrivih bħala wieħed *'state-of-the-art',* għalkemm kien identifika xi nuqqasijiet fih.[10] L-attur qal ukoll li hu xtaq jassisti lis-soċjetà konvenuta kemm seta', tant hu hekk Bernard Gatt, li kien midħla tal-proġett tiegħu, kien anki offra li jkun preżenti waqt li jkun qiegħed isir ix-xogħol fuq il-proġett tal-attur min-naħa ta' Seasus Limited, liema offerta kienet ġiet rifjutata minn Kenneth Bone. L-attur żied jgħid li s-soċjetà konvenuta qatt ma kkuntattjat lil Gatt dwar xi diffikultà qabel jew waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol fuq il-proġett tiegħu. L-attur qal li f'Jannar tal-2014, esponenti tas-soċjetà konvenuta kienu infurmawh li s-sistema tagħhom kellha diversi mankanzi, u kien f'dan l-istadju li l-attur irrealizza li l-iskop ewlieni ta' Bone kien li jattira lejh in-negozju tal-attur u jevita li dan jagħmel użu mis-servizzi ta' xi kumpannija kompetitriċi tas-soċjetà. L-attur qal li mill-korrispondenza inizjali li huwa kellu ma' Bone, dan tal-aħħar tah x'jifhem li hu kien kompetenti u metikoluż ħafna f'xogħlu, tant li minkejja li s-sistema mgħoddija lilu kienet waħda li hu stess iddeskriva bħala *'state-of-the-art',* Bone informa lill-attur li ma kien ser jafda l-ebda dokument jew biċċa xogħol li kien ħadem fuqha l-iżviluppatur ta' qabel, u kien ser jivverifika kollox mill-ġdid. L-attur qal li s-soċjetà konvenuta kellha xahar sħiħ bejn Ġunju u Lulju 2013 sabiex tirrevedi l-ftehim li kellu jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet, u f'dan iż-żmien kollu l-unika reviżjoni li saret mis-soċjetà konvenuta kienet dwar il-ħlas li kellu jkun dovut liha li tnaqqas minn €12,500 għal €9,000, wara li ġie stabbilit li komponenti ewlenin tal-proġett kienu ser jiġu pprovduti mill-iżviluppatur li kien diġà ħadem fuq il-*website*. Fuq proposta tal-attur żdiedu l-klawsoli dwar il-penali f'każ ta' ksur jew inadempjenza tal-obbligi miftiehma bejn il-partijiet. Żied jgħid li l-kuntratt ġie ffirmat minnu u minn Bone fit-8 ta'

[10] F'*email* mibgħuta minn Kenneth Bone lill-attur fid-29 ta' Mejju, 2013 *a fol.* 133 tal-proċess, Bone kien stqarr: *"Overall, the system is very well developed and the technology stack adopted is state-of-the art."*

Lulju, 2013, u l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-iżviluppatur ma kellux jibda x-xogħol qabel jingħata l-ispeċifikazzjonijiet kollha tal-proġett. L-attur żied jgħid li l-fatt li ċ-ċekk li hu ħareġ bħala ħlas inizjali li ssarraf mis-soċjetà konvenuta, jindika li kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett, 'il għaliex l-ebda ħlas ma kellu jkun dovut da parti tiegħu jekk ma jkunx hemm qbil dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett. L-attur kompla jgħid li waqt li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda taħdem fuq il-proġett tiegħu, huwa qatt ma ġie infurmat jew inġibditlu l-attenzjoni mis-soċjetà konvenuta li l-ispeċifikazzjonijiet pprovduti lilha ma kinux dettaljati biżżejjed. Qal iżda li fis-7 ta' Awwissu, 2013 huwa kien irċieva komunikazzjoni mingħand Bone li biha ġie mgħarraf li s-soċjetà konvenuta kienet ilha madwar xahar taħdem fuq dokument żbaljat, fattur dan li juri kemm is-soċjetà konvenuta kienet negliġenti f'xogħolha. L-attur qal li hekk kif beda għaddej iż-żmien, hu beda jintebaħ li s-soċjetà konvenuta kienet ineffiċjenti u diżorganizzata, u kienet qiegħda tikkomplika l-affarijiet minflok tissimplifikahom, u dan jixhduh l-*emails* voluminużi li kienu jintbagħtu għal kull diffikultà riskontrata mis-soċjetà konvenuta. L-attur kompla jgħid li Kenneth Bone kien assigurah li l-prodott kien ser jiġi pprovdut lilu kif kien miftiehem, u in vista ta' dawn l-assigurazzjonijiet hu kien kera post fi New York, kif ukoll kien ingaġġa ditta ta' avukati fi New York permezz ta' *retainer* sabiex jassistuh, bi spejjeż konsiderevoli għalih. Żied jgħid iżda li dawn l-assigurazzjonijiet ta' Bone kienu fiergħa u dak li ntqal lilu ma kienx minnu, għax wara rriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet għamlet biss tlieta fil-mija (3%) tax-xogħol li kellha tagħmel. L-attur allega li minkejja li s-soċjetà konvenuta kienet tibgħat numru ta' *emails* superfiċjali sabiex lilu tagħtih x'jifhem li x-xogħol fuq il-proġett tiegħu kien qiegħed isir, fil-verità din ma kienet qed tagħmel xejn minn dak li kienet

tenuta li tagħmel, u dawn l-*emails* kienu qegħdin jintbagħtu lilu biss biex jiżvijawh. L-attur kompla jgħid li minkejja li l-prezz li huwa kellu jħallas għas-servizz pprovdut lilu kien prestabbilit, huwa kien irrealizza li Kenneth Bone kien dejjem jesaġera meta jkellmu dwar il-ħin reali li kull biċċa xogħol kienet qed tieħu lill-impjegati tas-soċjetà konvenuta, u meta darba ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li ma jistax ikun li *newsletter* ħadet ħamsa u sittin (65) siegħa biex ġiet iddisinjata, Adrian Mizzi nnifsu kien infurmah li s-sistema li tirreġistra l-ħin fis-soċjetà konvenuta kienet impreċiża. L-attur qal li kien ivverifika mal-*logs* li kienu jidhru fuq dokumentazzjoni u posta elettronika li kien jirċievi, u kien stabbilixxa li fil-fatt il-persuna li ħadmet fuq in-*newsletter* kienet damet b'kollox madwar tliet sigħat taħdem fuqha. L-attur qal li l-livell ta' inkompetenza da parti tas-soċjetà konvenuta kien evidenti mhux biss mill-attitudni ta' Kenneth Bone, iżda anki minn dik tal-kollegi u l-impjegati tiegħu, tant hu hekk li Adrian Mizzi kien ammetta miegħu li hu kien ġie żvijat kull darba li qalulu li x-xogħol fuq il-proġett tiegħu kien miexi sew. L-attur żied jgħid li hu kien sab diversi żbalji fix-xogħol ipprovdut lilu mis-soċjetà konvenuta, tant hu hekk s-sistema ma setgħetx tiffunzjona kif suppost, u minkejja li hu kien indika dawn l-iżbalji x'kienu, dawn baqgħu ma tranġawx. Żied jgħid li f'laqgħa li kellu ma' Kenneth Bone fis-26 ta' Novembru, 2013, dan kien qallu għall-ewwel darba li x-xogħol li kellu jkun ipprovdut lill-attur f'Settembru 2013, ma kienx ser jitlesta qabel Mejju tal-2014. Qal ukoll li dak il-ħin hu kien informa lil Bone li dan ma kienx aċċettabbli għalih. Żied jgħid li f'dak il-punt hu kien irrealizza li s-soċjetà konvenuta kienet iffirmat kuntratt miegħu mingħajr ma fehmet x'kien ġie rikjest minnha, u f'dak l-istadju s-soċjetà konvenuta bdiet issostni li x-xogħol rikjest mill-attur kien impossibbli li jiġi pprovdut minnha bil-prezz miftiehem u fil-limiti taż-żmien miftiehma bejn

il-partijiet. L-attur żied jgħid li sa dak iż-żmien hu kien diġà ħela tmien xhur mill-ħin personali u professjonali tiegħu jistenna lis-soċjetà konvenuta tipprovdilu l-prodott, u dan sar bi spejjeż konsiderevoli għalih, biex wara kollox xorta waħda kellu jingaġġa s-servizzi ta' terzi biex jara li l-prodott jitlesta. L-attur żied jgħid li s-soċjetà konvenuta 'sakkret' il-*code* fis-*server*, biex b'hekk irrendietu inutilizzabbli. Żied jgħid li l-aġir tas-soċjetà konvenuta kien in mala fede minħabba li l-esponenti tas-soċjetà konvenuta kienu damu jistennew sa żmien il-Milied tal-2013 biex jinfurmawh li l-proġett ma kienx ser jitlesta skont it-termini pattwiti bejn il-partijiet. Qal li minkejja dan kollu, is-soċjetà konvenuta xorta waħda riedet tiġġenera profitt għaliha minn din is-sitwazzjoni u min-negliġenza murija minnha.[11] L-attur qal li abbażi tal-livell ta' prodott ipprovdut lilu mis-soċjetà konvenuta, li kieku din kellha tipprovdih bil-prodott komplut skont l-ispeċifikazzjonijiet mgħoddija lilha minnu, dan kien idum ħmistax-il sena sabiex jitlesta. L-attur kompla jgħid li fl-aħħar ta' Ġunju 2014, kważi sena wara l-iffirmar tal-kuntratt u disa' xhur wara li l-prodott komplut kellu jiġi pprovdut lilu, is-soċjetà konvenuta kienet avviċinat lill-avukat difensur tal-attur sabiex il-kwistjoni bejn il-partijiet tiġi riżolta. Qal iżda li dawn l-isforzi sabiex il-proġett tal-attur jitlesta ma mmaterjalizzawx fil-mument li Kenneth Bone ftaħar miegħu li s-soċjetà konvenuta kienet rebħet kuntratt tajjeb mingħand entità governattiva. L-attur esebixxa wkoll kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet tul iż-żmien kollu tar-relazzjoni kummerċjali ta' bejniethom.[12]

---

[11] Fi kliem l-attur, "*In fact, it appears that although in his email dated 3rd December, 2013 he admitted that the non-completion of the project was Seasus' fault and, while acknowledging that he had caused me considerable losses, it was apparent he could not care less and was demanding more money. At no point did he offer a refund of what was paid for the work he did not do. Nor did he show any good will or remorse for not having delivered the contract. Rubbing salt into the wound, he acted as if he expected no action to be taken against Seasus in Malta, seemingly confident that he could do what he liked without any accountability, responsibility or respect for contract law.*"

[12] *A fol.* 133 *et seq.* tal-proċess.

Fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 2015 xehed **David Vella**[13], *software developer* mas-soċjetà konvenuta, li qal li l-*expertise* tiegħu hija fir-rigward tal-iżvilupp tal-*back end code* u spjega kif din is-sistema tipproċessa l-informazzjoni u tibgħatha lura lill-*front end.* Ix-xhud qal li jkun hemm drabi meta juża l-*Javascript* kif ukoll lingwi oħra tal-informatika, u jkun hemm drabi meta juża xogħol *pre-coded.* Ix-xhud qal li hu ħadem fuq il-proġett tal-attur, u b'rabta ma' dan hu ngħata għadd ta' *tasks* bi żmien prefiss meta kellhom jitlestew. Żied jgħid li l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett ingħataw lis-soċjetà konvenuta mill-attur innifsu, u hu kien irreveda d-dokumentazzjoni pprovduta mill-attur u identifika liema aspetti mill-proġett kienu tlestew mill-iżviluppatur ta' qabel. Ix-xhud qal li x-xogħol min-naħa tiegħu kellu jkun lest fi żmien tmien ġimgħat, u minkejja li parti mix-xogħol kienet ġiet ipprovduta lill-klijent wara l-imsemmi perijodu, ix-xogħol ipprovdut ma kienx laħaq l-aspettattivi tal-klijent, u l-ispeċifikazzjonijiet tal-klijent kienu nbidlu diversi drabi minn meta nbeda x-xogħol fuq il-proġett.[14] Ix-xhud żied li hu ħadem fuq il-proġett fuq bażi *full-time* għal perijodu ta' tmien ġimgħat.[15]

Permezz ta' nota tat-22 ta' Jannar, 2016, l-attur ippreżenta kopja tas-*source code.*[16]

Fl-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2016 xehdet **Alison Casha**[17], li kienet impjegata bħala *business development manager* u bħala *sales development manager* mas-soċjetà konvenuta. B'riferiment għall-*email* bid-dokumenti annessi

---

[13] *A fol.* 471 tal-proċess.

[14] Fi kliem ix-xhud, *"... there were some parts again which weren't up to the client's expectation. Basically during those eight weeks there were several changes from the original requirements which we needed to address and again some of the functionality which this was supposed to be delivered the other supplier which wasn't delivered and I had to work on that as well."*

[15] Ix-xhud ippreżenta d-dokumentazzjoni li saret referenza għaliha fid-depożizzjoni tiegħu permezz ta' nota *a fol.* 519 *et seq.* tal-proċess.

[16] *A fol.* 688 tal-proċess.

[17] *A fol.* 690 tal-proċess.

magħha *a fol*. 59 tal-proċess, ix-xhud qalet li d-dokumenti huma *template* li tintbagħat lil kull klijent. Ix-xhud qalet li fis-snin meta hija kienet impjegata mas-soċjetà konvenuta, kien hemm klijenti oħrajn tas-soċjetà konvenuta li kienu istitwew proċeduri legali kontriha minħabba ksur ta' obbligi kontrattwali. Ix-xhud qalet ukoll li sa fejn taf hi s-soċjetà konvenuta qatt ma kienet għamlet xogħol tal-informatika għall-industrija tas-servizzi finanzjarji. Ix-xhud qalet li David Vella hu l-uniku *senior developer* impjegat mal-kumpannija, u l-proġett tal-attur kien ġie assenjat lilu bħala żviluppatur. Ix-xhud qalet li ma tafx Vella kemm qatta' sigħat jaħdem fuq dan il-proġett.

Fl-udjenza tat-18 ta' Frar, 2016 xehed **Adrian Mizzi**[18], li kkonferma li hu m'għadux impjegat mas-soċjetà konvenuta, għalkemm kien impjegat magħha bħala b*usiness development manager* bejn Settembru tal-2013 u Lulju tal-2015. Ix-xhud qal li f'dak il-perijodu Seasus Limited kienet qed tiġi ristrutturata minn kumpannija fil-qasam tal-iżvilupp ta' *websites* għal waħda li tiżviluppa sistemi aktar kumplessi. Qal li l-prassi tax-xogħol kienet li l-klijent javviċina lill-kumpannija bi speċifikazzjonijiet, u abbażi ta' dak li jkun ġie ppreżentat mill-klijent tinħadem stima tax-xogħol. Ix-xhud qal li f'dan il-każ speċifiku hu kien ingħata speċifikazzjonijiet funzjonali li kienu ġew ippreparati mill-iżviluppaturi preċedenti li ħadmu fuq il-proġett tal-attur. Ix-xhud jgħid li fir-rigward ta' dan il-proġett huwa kien ħadem mill-qrib kemm ma' David Vella kif ukoll ma' Kenneth Bone. Qabel beda x-xogħol fuq il-proġett Kenneth Bone kien qallu li dan il-proġett huwa wieħed sempliċi, għalkemm żied jgħid li l-attur hu bniedem diffiċli biex taħdem miegħu. Ix-xhud qal li Kenneth Bone kien saħansitra qallu li dan il-proġett kellu jkun lest fi ftit żmien, iżda meta hu

[18] *A fol*. 704 tal-proċess.

evalwa l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lilu, kien induna li kien hemm bżonn ferm aktar sigħat milli kien oriġinarjament maħsub, tant li għas-sigħat ta' xogħol meħtieġa, bejn 900 u 1,000 siegħa ta' xogħol, kellu jkun hemm ħlas ta' madwar ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000) għalihom. Ix-xhud qal li hu kien ikkalkula li s-soċjetà konvenuta kellha bżonn madwar elf u mitejn (1,200) siegħa ta' xogħol biex jitlesta dan il-proġett. Qal ukoll li meta beda jaħdem fuq il-proġett f'Ottubru tal-2013, kien sar jaf illi l-parti l-kbira tad-disinn tal-proġett kienet lesta, iżda mil-lat tekniku ix-xogħol kien għadu bilkemm beda.[19] Ix-xhud qal li meta kien ġie stabbilit kemm verament kienu meħtieġa sigħat ta' xogħol fuq dan il-proġett, hu kien ta parir lil Bone sabiex jikkonvinċi lill-klijent li kellu bżonn *budget* akbar għall-proġett, jew inkella jirrifondi lill-attur il-flus li kien diġà ħallas minħabba li ma kienx hemm mod kif il-proġett rikjest seta' jitlesta b'*budget* ta' disat elef Euro (€9,000). Ix-xhud qal li waħda mill-problemi ewlenin fir-rigward ta' dan il-proġett kienet li l-impjegati tekniċi assenjati fuqu ma kinux fehmu l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi mogħtija lilhom mill-klijent. Ix-xhud qal li skont il-kalkoli tiegħu, li kieku s-soċjetà konvenuta kellha tassenja persuna waħda biex taħdem fuq dan il-proġett, din kellha tagħmel tletin ġimgħa taħdem fuq dan il-proġett biss. Madanakollu żied jgħid li s-soċjetà konvenuta kellha biżżejjed riżorsi biex tlaħħaq ma' proġett bħal dan. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm drabi oħra fejn inqalgħu diffikultajiet bi proġetti li kellha taħdem fuqhom is-soċjetà konvenuta u li ma tlestewx fil-ħin. Ix-xhud żied jgħid li waħda mill-problemi ewlenin f'dan il-każ kienet li ma kienx sar ippjanar tax-xogħol rikjest qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-partijiet u s-soċjetà konvenuta kkommettiet ruħha li tlesti l-proġett.

[19] Lix-xhud sarlu riferiment għall-fatt li kien sar xi xogħol qabel fuq is-sistema, iżda hu wieġeb li "*From my assessment, trying to salvage what there is was fatal because even if what was before was good, it wasn't understood because it wasn't correctly documented so it had to start from scratch unless you would do it and persist with it and try your luck but I'm not that kind of person.*"

Ix-xhud **Adrian Mizzi** kompla bid-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tat-8 ta' April, 2016[20], billi kkonferma li meta hu beda jaħdem fuq il-proġett, f'Ottubru tal-2013, l-parti tad-disinn grafiku tal-proġett bilkemm kienet għadha nbdiet, u dan meta suppost li sa dakinhar il-proġett kellu jkun komplut. Qal li dak iż-żmien, minbarra l-kuntratt ta' Hawkins is-soċjetà konvenuta kellha għadd ta' proġetti oħra għaddejjin, filwaqt li kellha *senior developer* wieħed biss ingaġġat magħha. Ix-xhud ikkonferma li l-proġett tal-attur ma setax jitlesta bil-ħlas miftiehem bejn Hawkins u s-soċjetà konvenuta, u dan minħabba li kien hemm il-ħtieġa li jiġu ddedikati għad ta' sigħat fuq il-proġett. Ix-xhud qal li min-naħa tiegħu kull darba li huwa talab xi tip ta' dokumentazzjoni jew informazzjoni mingħand l-attur, din ingħatatlu. Żied jgħid li waħda mill-kollegi tiegħu, ċerta Carla kienet qiegħda tqatta' l-ħin kollu tagħha taħdem fuq il-proġett tal-attur.

Permezz ta' nota tat-28 ta' April, 2016, l-attur esebixxa kopji ta' xi *emails* li ġew skambjati bejnu u David Vella u Kenneth Bone.[21]

Fl-udjenza tat-28 ta' April, 2016 reġa' xehed **David Vella**[22] li qal li l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett kienu pprovduti mill-attur, u minkejja li dan kien qal li kienu diġà tlestew madwar tmenin fil-mija (80%) tal-proġett, fil-verità x-xogħol lest kien jammonta għal madwar erbgħin (40%) jew ħamsin fil-mija (50%) tax-xogħol kollu rikjest. Żied jgħid li wara sena mill-iffirmar tal-ftehim bejn il-partijiet, wara 52 ġimgħa kien hemm madwar sittin (60) jew sebgħin (70%) tal-proġett li kien lest. Ix-xhud qal li x-xogħol fuq il-proġett tal-attur

[20] *A fol.* 716 tal-proċess.
[21] *A fol.* 778 *et seq.* tal-proċess.
[22] *A fol.* 866 tal-proċess.

waqaf f'Ottubru tal-2013, u sussegwentement hu ġie assenjat proġetti oħra li kienet qiegħda taħdem fuqhom is-soċjetà konvenuta.

Permezz ta' nota tat-13 ta' Ġunju, 2016, l-attur esebixxa kopji ta' *emails* li ġew skambjati bejnu u David Vella, sabiex jagħti stampa ċara tal-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet.[23] Dakinhar ukoll kompla bix-xhieda tiegħu **David Vella**[24], li qal li meta l-attur avviċina lis-soċjetà konvenuta, dan kien infurmaha li kien hemm madwar tmenin fil-mija (80%) tax-xogħol fuq il-proġett li kien tlesta mill-kumpanija Hive li kienet ħadmet fuq il-proġett qabel, iżda meta beda jsir ix-xogħol minnu, lilu rriżultalu li kien hemm madwar tmienja fil-mija (8%) biss tax-xogħol li kien lest. Ix-xhud ikkonferma li meta ntalab jieqaf jaħdem fuq il-proġett tal-attur sabiex jaħdem fuq proġetti oħra li kellha l-kumpannija, ix-xogħol fuq il-proġett tal-attur kien għadu lura ferm milli jitlesta. Ix-xhud qal li l-attur biddel l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett tiegħu wara li kien diġà nbeda x-xogħol fuq il-proġett.[25]

Fl-udjenza tat-13 ta' Ġunju, 2016 il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **Carla D'Anastasi**[26], li ħadmet fuq il-proġett tal-attur għal ħinijiet twal, kif ukoll kienet ipproduċiet *newsletter* b'rabta ma' dan il-proġett. Madanakollu x-xhud kellha diffikultajiet tiftakar dettalji dwar il-proġett innifsu u dwar ix-xogħol li wettqet għas-soċjetà konvenuta.

---

[23] *A fol.* 877 tal-proċess.
[24] *A fol.* 911 tal-proċess.
[25] Fi kliem ix-xhud, "Mill-memorja, il-functional aspect il-ġdid kien spjegat aktar fuq il-business domain tiegħu għax initially li ġara li aħna ridna niġu aktar acquainted fuq il-business domain tiegħu u l-business domain tiegħu kien spjegah fi glossary one pager document. Imbagħad, konna tlabna another document clarifications u mad-dokument li ssottometta t-tieni darba kien hemm changes. Wieħed minnhom, kont elenkajtu, kien żied xi word builder u xi affarijiet oħra. Dak li niftakar, prattikament. Kien hemm affarijiet oħra żgur. Biss biss kien hemm li ssottometta u t-tieni dokument li ssottometta ma nafx kemm pages imma kien hemm aktar pages jiġifieri bl-amment ma niftakarx."
[26] *A fol.* 921 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2016 reġa' xehed **David Vella**[27], li qal li b'kollox l-attur kien għadda erba' speċifikazzjonijiet differenti lis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li l-aħħar verżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet mgħoddija lilu mill-attur kienet twila sebgħa u erbgħin (47) paġna, u hu kien talab kjarifika rigward parti mill-kontenut ta' dan id-dokument. Ix-xhud qal li fiż-żmien meta hu kien ġie assenjat fuq il-proġett tal-attur, hu kien jaħdem fuqu fuq bażi *full-time,* u ħadem fuq proġetti oħra biss meta nqalgħu xi diffikultajiet dwar dan il-proġetti partikolari. Ix-xhud qal li kull meta nqalgħulu diffikultajiet dwar il-proġett tal-attur, hu kien jirreferi lil Adrian Mizzi jew lil Kenneth Bone. Ix-xhud ma setax jiftakar meta kien li rrealizza li l-proġett ma setax jitlesta skont it-termini tal-kuntratt maqbul bejn il-partijiet, għalkemm qal li hu ma kienx irrealizza mill-ewwel li l-proġett ma setax ikun li jitlesta fil-ħin. Ix-xhud żied jgħid iżda li l-attur kien jagħmel tibdil kontinwament, u spiss kienu jingħataw kjarifiċi ġodda dwar il-proġett, b'mod li l-affarijiet bdew jikkomplikaw ruħhom.

Fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2016, xehed **Bernard Gatt**[28], li ddeskriva lilu nnifsu bħala *software architect,* u qal li għal xi żmien hu kien fetaħ il-kumpannija bl-isem Hive Information Systems, u din il-kumpannija kienet ġiet imqabbda mill-attur tagħmel xogħol ta' żvilupp ta' *website*. Ix-xhud ikkonferma li hu kien illikwida l-kumpannija Hive Information Systems minħabba raġunijiet personali, u kien informa b'dan lill-attur. Qal ukoll li hu kien attenda għal laqgħa fl-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta li nżammet fil-preżenza ta' Kenneth Bone u l-attur. L-attur kien talab għas-servizzi tas-soċjetà konvenuta minħabba li xtaq li jkollu l-*website* tiegħu kompluta. Ix-xhud qal ukoll li hu kien ta *handover* tal-*code,* bid-dokumentazzjoni relattiva għall-

[27] *A fol.* 927 tal-proċess.
[28] *A fol.* 940 tal-proċess.

proġett u kollox kien tqiegħed f'post sigur, u huwa kien għad-dispożizzjoni tas-soċjetà konvenuta f'każ li jinqalgħu xi diffikultajiet. Ix-xhud żied jgħid li hu qatt ma rċieva telefonati jew domandi mis-soċjetà konvenuta dwar ix-xogħol li kien hemm bżonn isir biex il-proġett tal-attur jitlesta. Ix-xhud qal li darba fost l-oħrajn hu kien irċieva telefonata mingħand Kenneth Bone li kien staqsieh dwar l-attur, u hu kien wieġbu li l-attur kien iħallas fil-ħin u kien jaf x'irid. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li l-ewwel darba li hu ltaqa' mal-attur kien f'Novembru jew Diċembru tal-2012, u dakinhar huwa kien ingħata l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett. Qal li l-attur kien ingħata stima tax-xogħol, u Hive bdiet ix-xogħlijiet li kienu meħtieġa jsiru fuq il-proġett tal-attur.[29] Dwar ix-xogħol li kien laħaq tlesta minn Hive, ix-xhud wieġeb:

> "*There were features which were fully complete. There were features that were completely missing and there were features that were partially complete. You have, for example, something which is working up to a point and then you have to kind of continue working on it.*"

Fl-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2016 xehed **Saviour Balzan**[30], li qal li fl-2010 hu kien jaħdem ma' kumpannija li kienet ikkontrattat lis-soċjetà konvenuta sabiex din tipprovdiha b'xi xogħol. Qal li f'punt minnhom kienet ittieħdet deċiżjoni li ma jsirx użu aktar mis-servizzi tas-soċjetà konvenuta, li qal li ma setgħetx tlaħħaq mal-volum ta' traffiku li beda jiġi ġġenerat fuq *website* partikolari tiegħu. Ix-xhud qal li minkejja li kien hemm xi problemi mas-soċjetà konvenuta, dawn ma kinux problemi maġġuri, tant li kkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal:

[29] Fi kliem ix-xhud, "*We started from scratch. We had the business requirements and from there we started building the system up.*"
[30] *A fol.* 953 tal-proċess.

> *"There may have been some issues, but there weren't major issues. With a lot of service providers you're constantly negotiating or looking at mishaps, but it was nothing striking. In our business, we are always looking for cheaper rates, better services but this is normal."*

Permezz ta' nota bid-data tat-3 ta' Frar, 2017, l-attur esebixxa kopja ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat fil-11 ta' Settembru, 2014 minn Club 212 Limited kontra Seasus Limited għal sorte ta' mija u ħamsin elf Euro (€150,000)[31]; kopja ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ieħor ippreżentat fis-6 ta' Novembru, 2014 minn Club 212 Trading Limited għal sorte ta' mija u ħamsin elf Euro (€150,000)[32]; kopja ta' rikors ta' Club 212 Trading Limited ippreżentat fis-26 ta' Frar, 2015, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 190/2014 fl-ismijiet **Club Trading Limited *vs.* Seasus Limited**, liema rikors ġie ppreżentat minħabba suspetti li s-soċjetà Club Trading Limited kellha li Seasus Limited kienet qiegħda topera kontijiet bankarji taħt ismijiet varji b'tali mod li dawn ma setgħux jintlaqtu mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju[33]; kopja ta' *email* mibgħuta minn John Delaney, rappreżentant tas-soċjetà Club 212 Trading Limited, lil Seasus Limited b'lista ta' servizzi li kellhom isiru minn Seasus Limited u ma sarux[34]; kopja ta' *email* mibgħuta mill-MTA fit-8 ta' April, 2014, fejn l-MTA waqqfet proġett ma' John Delaney minħabba li dan naqas milli jipprovdi servizzi pattwiti bejn il-partijiet, allegatament minħabba li Seasus Limited ma onoratx it-termini tal-kuntratt li kellha ma' Club 212 Trading Limited[35]; kopja ta' *email* mibgħuta lil John Delaney minn Kenneth Bone fit-28 ta' April, 2014, b'konferma li x-xogħol li kienet mistennija li

[31] *A fol.* 966 tal-proċess.
[32] *A fol.* 970 tal-proċess.
[33] *A fol.* 973 tal-proċess.
[34] *A fol.* 992 tal-proċess.
[35] *A fol.* 1003 tal-proċess.

twettaq Seasus Limited kien waqa' lura[36]; korrispondenza oħra li għaddiet bejn Delaney u Bone fir-rigward ta' proġett li ma setax jitkompla fil-ħin[37]; kopja ta' rapport tal-Inġinier Mark Falzon li qal li r-raġuni għalfejn Club 212 Trading Limited kienet waqqfet il-kuntratt ma' Seasus Limited kienet minħabba "*low level workmanship and missed deadlines clearly spelled out in the Project plan drafted by Seasus dated 24 February 2014.*[38]" Ġiet esebita wkoll kopja tas-CV ta' David Bonello, bħala prova li bejn Lulju u Settembru, 2013, dan ma kienx impjegat mas-soċjetà konvenuta, kuntrarjament għal dak li xehed David Vella.[39]

Fl-udjenza tat-3 ta' Frar, 2017 xehed **John Delany**[40], li qal li hu wkoll kien ikkontratta lis-soċjetà konvenuta biex tipprovdilu servizz fil-qasam tat-teknoloġija tal-informatika, u din ir-relazzjoni kienet spiċċat b'kawża bejn il-partijiet minħabba li Seasus kienet naqset milli tlesti x-xogħol skont l-inkarigu mogħti lilha. Ix-xhud esebixxa wkoll stqarrija tiegħu fir-rigward tal-esperjenza li kellu mas-soċjetà konvenuta.[41]

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Marzu, 2017, din il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur għall-allegazzjoni tal-atti tar-rikors revoka nru 405/2016 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 188/16 fl-ismijiet **Seasus Limited *vs.* James L. Hawkins**, u l-atti tar-rikors revoka nru 294/15 LM fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 476/15 fl-ismijiet **James Hawkins vs. Seasus Limited.**

---

[36] *A fol.* 1006 tal-proċess.
[37] *A fol.* 1007 u 1008 tal-proċess.
[38] *A fol.* 1010 tal-proċess.
[39] *A fol.* 1039 tal-proċess.
[40] *A fol.* 1041 tal-proċess.
[41] *A fol.* 1048 tal-proċess.

Il-kontroeżami tal-attur sar waqt l-udjenza tat-2 ta' Ġunju, 2017[42], fejn sarlu riferiment għall-parti tax-xhieda tiegħu fejn hu qal li Seasus Limited lestiet biss tlieta fil-mija (3%) tax-xogħol li huwa kien inkariga tagħmel. Ir-risposta tal-attur għal dan kienet li:

> *"I don't think they completed that much.*
> *...*
> *Worked on them, they only worked on them not actually finished them and nothing worked or functioned."*

L-attur qal li ma kien hemm l-ebda funzjoni minn dawk li ħadmet fuqhom is-soċjetà konvenuta li kienet qed taħdem kif suppost. Żied jgħid ukoll li s-soċjetà konvenuta ħadmet biss fuq sittax (16)-il *file* minkejja li kienet mistennija taħdem fuq aktar minn elf (1,000) *file*. L-attur qal ukoll li minkejja li kien hemm xi *man-hours* li fihom inżammu għadd ta' laqgħat bejnu u esponenti ewlenin tas-soċjetà konvenuta, dawn saru wara li kien hemm il-ksur tal-obbligi kontrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta. L-attur qal ukoll li t-tnaqqis fuq il-prezz oriġinali kkwotat lilu mis-soċjetà konvenuta kien ġie offrut lilu minn Kenneth Bone, u mhux għax hu kien talab xi skont jew tnaqqis, iżda l-prezz kif ridott kien jirrifletti l-prezzijiet *standard* fl-industrija għal xogħol simili. L-attur qal li parti mix-xogħol kien diġà tlesta mis-soċjetà Hive Information Systems, u meta Kenneth Bone kien ingħata x-xogħol li kien tlesta diġà, dan esprima ruħu li kien sodisfatt bil-kwalità tax-xogħol li kien diġà sar, tant li ddeskrivieh bħala *state-of-the-art.*

Il-kontroeżami tal-attur tkompla fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2017[43], fejn qal li hu kien wasal għall-konklużjoni li wħud mill-impjegati u esponenti tas-soċjetà

---

[42] *A fol.* 1057 tal-proċess.
[43] *A fol.* 1078A tal-proċess.

konvenuta li ġew assenjati biex jaħdmu fuq il-proġett tiegħu ma kinux kompetenti fil-materja minħabba li l-ebda parti tax-xogħol mgħoddija lilu ma kienet taħdem. L-attur qal li minkejja li hu ngħata l-impressjoni minn Kenneth Bone li x-xogħol li kien meħtieġ li jsir fuq il-proġett tiegħu kien ferm ikkumplikat, fil-verità ix-xogħol rikjest kien wieħed minimu ħafna, u l-esponenti tas-soċjetà konvenuta kienu qegħdin jonfħu l-ispejjeż sabiex jippruvaw iġiegħluh iħallas aktar għas-servizz li kellhom jagħtuh. L-attur qal li hu beda jaħdem fuq il-proġett tiegħu fl-2011, u Hive kienet bdiet taħdem fuq il-*website* b'rabta mal-proġett tiegħu f'Jannar tal-2013. L-attur qal Hive kienet laħqet lestiet parti mix-xogħol, li sussegwentement kien ġie mgħoddi lis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li l-proġett tiegħu tlesta bl-intervent ta' kumpanniji oħra, u minkejja li l-*website* ilu jopera minn Jannar tal-2016, dan għadu mhux jaħdem b'mod perfett. Ix-xhud qal li fil-preżent il-proġett ma kien qiegħed jirrendi l-ebda introjtu jew qligħ, minkejja li dan il-proġett kien ipprospettat li kellu jiġġenera miljuni fi profitti. L-attur speċifika li ladarba titlesta l-fażi tal-ittestjar tas-sistemi kollha, il-proġett hu mistenni li jattira aktar klijenti u profitti.

Fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2017 xehed **Andrew Holland**[44], li kien impjegat mas-soċjetà Focus bħala *software developer,* u li qal li huwa kien telaq minn din il-kumpannija minħabba fl-impatt negattiv li ħalliet fuqu r-relazzjoni kummerċjali li l-attur James Hawkins kellu ma' Focus.[45] Ix-xhud qal li s-soċjetà Focus kienet ġiet ingaġġata minn Hawkins sabiex taħdem fuq il-proġett

[44] *A fol.* 1082 tal-proċess.

[45] Ix-xhud iddeskriva l-komportament tal-attur tul ir-relazzjoni tiegħu mal-kumpannija Focus b'dan il-mod, "*the project hit many difficulties mostly in the sense that it was difficult for Jason and Nathan to actually ascertain what was required and to check the specifications and requirements were changing on a regular basis. ... When they asked for clarity on matters regarding the specification, instead of getting a concise technical response back you often get a response like, "You are the expert. You should know what to do. Why should I have to tell you?" Or you get a meandering complicated email response back which did not really resolve their questions or needs ... The demands on the staff were horrendous and the requirement too fluid ...*"

b'rabta mas-suq finanzjarju, iżda l-proġett ma kienx tlesta minn Focus, u f'nofs Diċembru tal-2016 il-proġett kien ġie mgħoddi lil kumpannija oħra. Ix-xhud qal li d-dokumentazzjoni mogħtija lilhom minn Hawkins bl-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett ma kinitx ċara. Qal li hu jaf li kienu saru laqgħat bejn esponenti tas-soċjetà Focus u l-attur, u dawn il-laqgħat kienu jieħdu tul ta' ħin. Ix-xhud Andrew Holland qal li l-imġiba tal-attur kienet waħda ta' konfrontazzjoni u aggressjoni kontinwa, b'diversi insulti u akkużi indirizzati lill-impjegati li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-proġett tiegħu. Ix-xhud żied jgħid li wara li impjegat partikolari telaq mill-kumpannija, u ieħor offra r-riżenja tiegħu minħabba fl-attitudni ta' Hawkins, kien ġie deċiż li Hawkins kellu jattendi fl-uffiċini ta' Focus għal sagħtejn biss kuljum, iżda dan spiss kien iqatta' ferm aktar ħin minn hekk, jidħol fl-uffiċini fejn ikun qiegħed isir ix-xogħol, u jgħajjat u jargumenta mal-impjegati, meta hu kien il-klijent tal-kumpannija u mhux id-direttur tagħha. Ix-xhud esebixxa kopja ta' rapport imħejji minnu fir-rigward tal-esperjenza tiegħu mal-attur u l-proġett tiegħu[46], kif ukoll kopja ta' ittra mibgħuta lis-soċjetà Focus Software Solutions Limited mill-avukat tax-xhud rigward il-fastidju li dan kien qiegħed allegatament isofri minħabba fl-attitudni ta' Hawkins, kif ukoll kopja ta' ittra ta' riżenja li x-xhud bagħat lil Anthony Lupi, *managing director* ta' Focus Software Solutions Limited minħabba fl-attitudni ta' Hawkins bħala klijent tal-kumpannija.[47]

Il-kontroeżami ta' Andrew Holland sar waqt l-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2017[48], fejn qal li huwa ggradwat mill-Università ta' Greenwich bħala *software developer.* Ix-xhud qal li hu ddedika ħin sostanzjali għall-proġett tal-attur, u dan minkejja li ġie muri dokumenti li juru li hu kien iqatta' ħin jibbloggja fuq

[46] *A fol.* 1094 tal-proċess.
[47] *A fol.* 1112 tal-proċess.
[48] *A fol.* 1114 tal-proċess.

diversi siti fil-ħin li fih suppost ikun xogħol. Ix-xhud qal li dan il-*blogging* kien isir waqt il-ħin *break* jew inkella waqt li jkun qiegħed jistenna lil ta' fuqu jgħaddilu xi biċċa xogħol ġdida. Ix-xhud ċaħad li hu qatt qasam is-*system code* ma' xi ħadd estern għall-kumpannija Focus. L-avukat difensur tal-attur esebixxa dokumentazzjoni voluminuża sabiex juri lill-Qorti li x-xhud kien iqatta' ħin konsiderevoli jibbloggja meta suppost kien ikun qiegħed jaħdem, fosthom fuq il-proġett tal-attur innifsu.[49]

Fl-udjenza tas-26 ta' Jannar, 2018 kompla l-kontroeżami tal-attur **James Hawkins**[50], li għal darb'oħra kkonferma li sa dakinhar il-proġett tiegħu kien għadu ma ġġenera l-ebda dħul jew profitt, u fil-preżent is-servizz offrut permezz tal-proġett tiegħu huwa wieħed bla ħlas, liema proġett huwa pparagunah mal-proġett 'Uber', li wkoll huwa wieħed bla ħlas. L-attur qal li l-*website* għall-proġett tiegħu kienet tlestiet minn Focus, iżda meta s-sistema bdiet titħaddem, kien ġie innutat li kien fiha diversi problemi u li l-*code* kien sar ħażin, u għalhekk kellhom jiġu ingaġġati numru ta' persuni sabiex jirranġaw dawn l-iżbalji. L-attur qal li l-*website* inkwistjoni hija regolata mil-liġi tal-Istati Uniti, minn fejn qiegħda topera. L-attur speċifika li s-servizz offrut minnu hu dak ta' pubblikazzjoni ta' *newsletter* taħt il-liġijiet tal-Istati Uniti, u mhux ta' għoti ta' pariri dwar is-suq finanzjarju:

> *"So we rapid into an act, which has publications every day which is the commentary of the stock market. It also has news which is curated from Bloomberg, CNN and that is displayed on the website as well with the link to go directly to CNN or Bloomberg website. So it's a publication, what it does have is predictions whether the stock market is going up or down today. Uses redub under the laws of America, we work the same way as for instance Jim Creyma or CNBC and other reputable companies which are tens of millions in value."*

[49] *A fol.* 1153 sa 1401 tal-proċess.
[50] *A fol.* 1403 tal-proċess.

L-attur ikkonferma li s-servizz offrut mhux wieħed ta' pariri fuq bażi individwali. Qal ukoll li sabiex joffri dan is-servizz, huwa ma jeħtieġ l-ebda liċenzja. L-attur qal li huwa jimpjega direttament numru ta' *developers* li joperaw mill-Indja, għalkemm il-pubblikazzjonijiet ma jinħarġux minn dak il-pajjiż partikolari. L-attur qal li huwa l-uniku azzjonist tal-kumpannija u li m'hemm l-ebda investitur jew imsieħeb ieħor miegħu fin-negozju, u li għalhekk kwalunkwe telf li jsofri, jiffaċċjah waħdu. L-attur spjega li l-profitt għall-kumpannija jiġi ġġenerat abbażi ta' kemm huma preċiżi l-algoritmi mfassla minnha. Aktar tard ippreċiża li dawn l-algoritmi tfasslu minnu, u sussegwentement qal ukoll li sabiex fassal dawn l-algoritmi hu kien megħjun minn persuna li seta' kellha xi tip ta' konflitt ta' interess u għalhekk ma riedx jiżvela isimha, u qal li dan ix-xogħol kien ilu jsir minnu sa mis-sena 2008.

Fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2018 tkompla l-kontroeżami tal-attur[51], li għal darb'oħra kkonferma li l-*website* ta' iQtrades qiegħda topera, iżda mhi qed titlob l-ebda ħlas għas-servizz jew prodott li qiegħda toffri. Qal ukoll li Andrew Holland poġġa numru ta' *bugs* fis-sistema, u rrendiha inoperattiva. Qal ukoll li ladarba jiġu ġġenerati profitti, dawn jiġu pperċepiti minnu, u li hu s-sid waħdieni tal-*website.* L-attur kompla jispjega li:

> "*iQtrades was set up in order to charge for the website but we are not charging for the website at the moment your Honour so I still retain full ownership of it and all the losses that have been incurred are mine personally.*"

L-attur qal li s-sistema ta' tbassir bl-użu ta' algoritmi ġiet żviluppata minnu u minn persuna oħra li ismu ma jistax jiġi żvelat. Ix-xhud qal ukoll li l-algoritmi inkwistjoni ma ġewx irreġistrati taħt il-liġi tal-proprjetà intellettwali, u dan

[51] *A fol.* 1423 tal-proċess.

biex il-*code* ma jsirx magħruf mill-pubbliku.[52] Aktar tard waqt id-depożizzjoni tiegħu, l-attur semma' lill-persuna li ħadem magħha fuq it-tfassil tal-algoritmi, ċertu George Radnich. Fl-udjenza preċedenti din il-persuna kienet diġà ssemmiet u kien intqal li kien ġie nieqes madwar tliet xhur qabel.

**Kenneth Bone** fl-*affidavit* tiegħu[53] qal li kien hu li waqqaf is-soċjetà Seasus Limited fl-1995 meta kien għadu student l-Università ta' Malta. Ix-xhud ta elenku dettaljat tan-natura ta' xogħol li għamlet is-soċjetà konvenuta fuq medda ta' snin, il-kwalifiki tiegħu fil-qasam tal-informatika, u x-xogħol speċjalizzat li ħadem fuqu tul is-snin. Qal li l-attur ġie introdott lilu minn Conway Wigg, *senior manager* ta' BPC International, li ġieli kkollaborat mas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li l-ewwel laqgħa mal-attur kienet saret fis-17 ta' Mejju, 2013, u l-informazzjoni li ngħatatlu dakinhar kienet li dan kien qiegħed ifittex *developer* ieħor li kien jeħtieġ b'ċerta urġenza, minħabba li l-kuntrattur li qabel kien qiegħed jaħdem fuq il-proġett tal-attur, kien xolja l-operat tiegħu. Qal li huwa kien ta l-*feedback* fuq il-proġett fid-29 ta' Mejju, 2013. Ix-xhud jgħid li l-attur kien qallu li l-proġett kien lest f'madwar tmenin fil-mija (80%) tiegħu, imma x-xhud jgħid li dan ma kienx minnu. Ix-xhud qal li l-istima oriġinali għax-xogħol rikjest mill-attur kienet ta' tnax-il elf u ħames mitt Euro (€12,500), u sa dakinhar kien diġà ġie stabbilit li kien hemm diversi nuqqasijiet fix-xogħol li suppost kellu jkun lest minn Hive. Żied jgħid kien hemm diversi inkonsistenzi bejn dak li l-attur qal li kien tlesta minn Hive u dak li attwalment irriżulta li kien tlesta. Kenneth Bone qal li fl-20 ta' Ġunju, 2013,

[52] Fi kliem ix-xhud, *"I looked at patenting the algorithms but if you patent the algorithms you have to put all of the code on public record which means that anybody can come and copy the code. These are trade secrets. If you produce them on public record anybody can copy them. It's safer obviously not to put them on the public record but to have them on the public website where people can track them without the knowledge of how the algorithms actually produce the results that they do and the proof is every day that people can log into the website and see the trade that was done today is being done in real time and tomorrow when they log in they can see that the same trade was recorded as a profit or a loss. This was the entire point of the website which have not been delivered by Kenneth Bone and Seasus."*

[53] *A fol.* 1543 tal-proċess.

huwa kien informa lil Hawkins li s-sistema ta' *charts* li suppost kienet tlestiet minn Hive kienet għadha mhijiex operattiva, filwaqt li s-soċjetà konvenuta kienet għadha ma ngħatatx id-dokumentazzjoni teknika marbuta mal-proġett. Ix-xhud żied jgħid li in vista tal-fatt li Hawkins kien qal li s-servizz rikjest kien meħtieġ b'urġenza, ix-xogħol da parti tas-soċjetà konvenuta kien inbeda f'Lulju, bix-xogħol inizjali jkun fuq iċ-*charts module* u x-xogħol tad-*design* suppost li kien tlesta minn Hive. Ix-xhud qal li ta' dan ix-xogħol żejjed li sar mis-soċjetà konvenuta, ma ntalab l-ebda ħlas addizzjonali lill-attur. Ix-xhud żied jgħid li kien hemm diversi istanzi fejn is-soċjetà konvenuta akkomodat lill-attur anki meta din intalbet tagħmel affarijiet li kienu jmorru lil hinn mill-ftehim oriġinali ffirmat bejn il-partijiet, u Hawkins kien wera l-apprezzament tiegħu għal dan, partikolarment billi faħħar l-isforzi ta' David Vella li kien jaħdem sigħat twal fuq il-proġett tal-attur u jikkomunika miegħu anki fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. Ix-xhud qal li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, l-attur beda jsir aktar esiġenti u jitlob affarijiet li bdew itawlu inutilment ż-żmien meħtieġ għat-tlestija tal-proġett. Qal li din l-imġiba tal-attur ippersistiet tul Settembru, Ottubru u Novembru tal-2013, b'diversi argumenti li qala' l-attur dwar aspetti tekniċi u ta' metodoloġija li s-soċjetà konvenuta kienet mistennija li tipprovdi. Ix-xhud żied jgħid li sa Diċembru tal-istess sena, ir-relazzjoni tas-soċjetà konvenuta mal-attur kienet iddeterjorat ħafna:

> *"We kept addressing endless changes and refinements on what had already been completed, as well as attempting to find a solution to various unorthodox requests by Mr. Hawkins on specification elements which were blown out of proportion. There are literally hundreds of emails generated in these few months between Seasus employees and Mr. Hawkins, which is an exorbitant amount when compared to other projects of the same level of simplicity."*

Ix-xhud kompla jgħid li Hawkins insista li jingħata kopja tas-*source code* tas-sistema, u dan minkejja li bħala *policy* s-soċjetà konvenuta ma tirrilaxxjax dan il-*code* qabel ma tkun tħallset għas-servizzi mogħtija. Ix-xhud żied jgħid li minkejja li s-soċjetà konvenuta baqgħet taġixxi in buona fede, jidher li l-attur kellu intenzjonijiet oħra, tant li beda jinsisti li s-servizz ipprovdut minnha jingħata lilu kif irid, xħin u meta jrid, u mingħajr ebda konsiderazzjoni ta' x'inhija l-prassi tan-negozju, jew jekk dak li kien qiegħed jitlob kienx fattibbli jew le. Ix-xhud qal li minkejja li s-soċjetà konvenuta ppruvat takkomoda lill-attur b'kull mod, madankollu kellha tinqata' linja x'imkien u dan minħabba li ma setax ikun li jingħataw għadd ta' servizzi mingħajr ma jkun hemm ħlas għalihom. Kompla jgħid li f'Jannar tal-2014, huwa kellu numru ta' laqgħat twal mal-attur u kien għamillu tliet offerti: jew li s-sistema tiġi żviluppata skont il-livell ta' dettall mitlub mill-attur iżda bi ħlas addizzjonali; inkella li s-sistema tiġi żviluppata b'livell ta' dettall sostanzjalment imnaqqas, iżda bil-prezz miftiehem bejn il-partijiet, dak ta' €9,000; jew inkella li l-ftehim jiġi tterminat mill-partijiet b'mod amikevoli, bil-patt li s-soċjetà konvenuta tagħti *handover* lill-iżviluppatur tal-għażla tal-attur. Ix-xhud qal li minkejja dan, baqa' ma ntlaħaq l-ebda ftehim mal-attur. Kompla jgħid li f'Marzu tal-2014 l-attur bagħat ittra uffiċjali fejn talab il-ħlas lura tad-depożitu mħallas minnu ammontanti għal tlett elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro (€3,776), kif ukoll il-ħlas tal-penali li jlaħħqu l-ammont ta' ħmistax-il elf, mija u għoxrin Euro (€15,120). Ix-xhud qal li l-aħħar komunikazzjoni dwar dan kienet iġġib id-data tas-17 ta' Ottubru, 2014, fejn l-attur talab kumpens f'ammont eżorbitanti, u kien intima lis-soċjetà konvenuta li fin-nuqqas kien ser jipproċedi kontriha sabiex jumiljaha pubblikament. Fil-25 ta' Marzu, 2015 inħareġ il-mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' tliet mitt elf Euro (€300,000) kontra s-soċjetà

konvenuta, u minn hemm inbdew il-proċeduri legali bejn il-partijiet. Ix-xhud qal li qabel jinbeda l-proġett kellu jkun hemm proċess ta' konsultazzjoni sabiex jingħataw speċifikazzjonijiet dettaljati dwar il-funzjonalità meħtieġa għall-proġett. Qal li f'każ li l-partijiet ma kinux ser jaqblu dwar dawn l-ispeċifikazzjonijiet, kull parti kellha l-possibilità li tittermina l-ftehim. Inoltre l-ftehim kien jispeċifika wkoll li s-soċjetà konvenuta m'għandhiex tinżamm responsabbli għal xi telf ta' profitti sofferti mill-attur. Ix-xhud qal li minkejja li l-attur qiegħed jitlob rifużjoni tal-ammont imħallas minnu bħala depożitu fl-ammont ta' tlett elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro (€3,776), fil-verità s-soċjetà konvenuta ddedikat mijiet ta' sigħat għall-proġett tal-attur, partikolarment bil-ħolqien ta' diversi disinji u aspetti ta' funzjonalità anki meta dawn suppost li kienu tlestew minn kuntratturi oħrajn li kienu ħadmu qabel fuq il-proġett, u għal dawn is-sigħat ma kien sar l-ebda ħlas. L-attur żied jgħid li minkejja li l-kuntratt li kellu jirregola r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet ġie tterminat, l-attur xorta waħda m'għandux jitqies meħlus mill-obbligi finanzjarji tiegħu fil-konfront tas-soċjetà konvenuta għax-xogħol li sar minnha. Ix-xhud qal ukoll, b'riferiment għat-talba tal-attur għal-likwidazzjoni u ħlas ta' penali da parti tas-soċjetà konvenuta, li l-ebda ħlas ta' penali mhuwa dovut għaliex il-proġett inkwistjoni ma kienx tlesta minħabba l-aġir ta' Hawkins innifsu. Żied jgħid li s-soċjetà konvenuta bl-ebda mod ma kellha x'taqsam mal-proċess li permezz tiegħu Hawkins għażel kuntrattur ieħor sabiex jaħdem fuq il-proġett tiegħu. Ix-xhud żied jgħid li s-soċjetà Focus hija t-tieni kumpannija li kellha tiġi likwidata f'temp ta' erba' snin wara li messet mal-proġett tal-attur, u minkejja li nbidlu diversi kuntratturi li kellhom jaħdmu fuq dan il-proġett, Hawkins għadu s'issa ma varax il-proġett tiegħu b'mod uffiċjali jew beda biex

jirrendi l-proġett tiegħu bħala wieħed li jagħmel qligħ. Ix-xhud kellu dan xi jgħid dwar ir-raġuni għalfejn il-proġett tal-attur ma setax jitlesta:

> "*With hindsight, it is my conviction that the project failed solely due to Mr. Hawkins inability or reluctance to be truthful, clear, complete and conclusive, both before and during the project. Mr. Hawkins' attitude gives the impression that he does not want to, or is unable to complete the project for some reason, despite leapfrogging from one supplier to another.*"

Kenneth Bone kompla jgħid li bħala riżultat dirett tal-aġir tal-attur, is-soċjetà konvenuta sofriet telf konsiderevoli, stante fil-perijodu bejn Marzu 2015 u Frar 2016 meta x-xogħol tagħha ġie mfixkel severament, inqalgħu diffikultajiet sabiex isiru l-ħlasijiet tal-VAT u tal-NI, li wasslu għal diversi penali li kellha ssofri s-soċjetà konvenuta, dewmien fi ħlasijiet lill-kredituri tagħha, dewmien fil-ħlas ta' salarji u bonuses dovuti lill-ħaddiema u dewmien fil-ħruġ ta' rċevuti għall-ħlasijiet li saru minn debituri. Ix-xhud żied jgħid li konsegwenza ta' xnigħat li beda jxerred Hawkins dwar il-professjonalità tas-soċjetà konvenuta, kien hemm għadd ta' ħaddiema li rriżenjaw mill-kumpannija, bir-riżultat li għadd ta' kuntratti ma setgħux jiġi eżegwiti fil-ħin. Ix-xhud iċċita l-eżempju ta' kuntratt mal-MITA li s-soċjetà konvenuta kellha tirrexxindi, b'telf finanzjarju sostanzjali għaliha u danni għar-reputazzjoni tagħha. Kompla jgħid li anki l-mandat ta' sekwestru intavolat minn Hawkins kellu l-effett li għadd ta' ħaddiema tas-soċjetà konvenuta rriżenjaw minħabba li beżgħu li l-istabbilità finanzjarja tal-kumpannija kienet ser tiġi affettwata. Ix-xhud ikkwantifika t-telf soffert mis-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' erba' mija u tlieta u ħamsin elf u tmenin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€453,080.25) - tletin elf Euro (€30,000) minnhom sabiex ġew ingaġġati sitt impjegati ġodda minflok dawk li rriżenjaw mill-kumpannija; tliet mija u tlieta u tletin elf u wieħed u ħamsin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€333,051.25) bħala *provision of application*

*and operational services on statistical system*; is-somma ta' tlieta u ħamsin elf u disgħa u għoxrin Euro (€53,029) bħala telf sostnut fis-sena 2014, u seba' mija u erbgħin (740) siegħa ta' xogħol għall-valur ta' sebgħa u tletin elf Euro (€37,000), li ma sar l-ebda ħlas tagħhom mill-attur. Qal ukoll li hemm danni u telf ieħor li ma jistgħux jiġu kkwantifikati, fosthom l-impatt fuq l-isem tal-kumpannija, it-telf tar-reputazzjoni u l-kredibilità mal-klijenti u mal-banek, it-telf ta' prospetti ġodda, kif ukoll telf addizzjonali għas-snin sussegwenti li jibdew mis-sena 2015.

Il-kontroeżami ta' **Kenneth Bone** sar fl-udjenza tal-14 ta' April, 2018[54], fejn qal li minkejja li hu beda n-negozju ta' Seasus fl-1995 u f'dawn is-snin kollha għamel diversi xogħlijiet fil-qasam tal-iżvilupp ta' *software* u *websites* fuq speċifikazzjonijiet ta' klijenti varji, huwa qatt ma ltaqa' ma' każ bħal dak odjern, u qatt ma basar li l-kuntratt partikolari li qabel dwaru mal-attur, kien ser jispiċċa biex il-kumpannija li bena hu tgħaddi mid-diffikultajiet kollha li għaddiet minnhom:

> *"It has been a constant moving goalpost and the main problem with the project was the great disparity between what Mr. Hawkins described in the beginning of the project in what he called himself his requirements specification document ... there was such disparity between what Hawkins explained in his document and what he expected out of the project."*

Kenneth Bone spjega li s-soċjetà konvenuta hija meqjusa bħala SME u meta kumpannija bħalha ssib ruħha rinfaċċjata b'mandat ta' sekwestru għal tliet mitt elf Euro (€300,000), u fl-istess ħin tkun trid tħallas l-impjegati, il-VAT, it-taxxa u s-*suppliers* tagħha, din tispiċċa f'diffikultajiet serji, speċjalment minħabba l-fatt li għal dan il-proġett kellu jkun hemm ħlas ta' disat elef Euro

[54] *A fol.* 1806 tal-proċess.

(€9,000) biss. Ix-xhud qal li d-diffikultajiet li ffaċċjaw bħala kumpannija kienu kbar tant li s-soċjetà konvenuta kienet viċin ferm li tiġi likwidata. Fost l-*issues* li nqalgħu waqt id-diskussjonijiet ma' Hawkins, ix-xhud qal li kien hemm istanza fejn dan ippretenda li s-soċjetà konvenuta tagħmel *stalking* ta' informazzjoni dwar *credit cards*, att li huwa illegali għal min m'għandux iċ-ċertifikazzjoni meħtieġa biex jagħmel dan, u r-rifjut tas-soċjetà konvenuta li tagħmel att li potenzjalment huwa att kriminali, wassal għal diversi battibekki u kwistjonijiet mal-attur li ħadu ħin konsiderevoli biex ġew solvuti. Ix-xhud qal li jum fost l-oħrajn, huwa kien induna li l-kont bankarju tas-soċjetà konvenuta kien qiegħed jindika tnaqqis ta' €300,000, u wara kien sar jaf li sar mandat ta' sekwestru min-naħa tal-attur, liema sekwestru nħareġ abbażi ta' projezzjonijiet dwar qligħ potenzjali li l-attur seta' jiġġenera mill-proġett tiegħu, u dan meta l-proġett tiegħu kien għadu ma ġiex varat u ma kienx ġie espost għar-realtajiet tas-suq. Ix-xhud qal li meta l-Qorti rriduċiet l-ammont kawtelat bil-mandat għal ħamsin elf Euro (€50,000) minħabba li kien jidher ċar li l-ammont kawtelat mill-attur kien wieħed esaġerat, l-attur għamel mandat ta' sekwestru ieħor lis-soċjetà konvenuta fil-konfront ta' wħud mill-klijenti ewlenin tagħha, u dan b'dannu għar-reputazzjoni tagħha. Ix-xhud qal li dan wassal għal paniku fost l-impjegati tas-soċjetà konvenuta, tant li tim sħiħ li kien qiegħed jaħdem fuq proġett partikolari rriżenja u dan il-proġett partikolari, li kien jiswa eluf kbar ta' Euro, ma setax jitkompla. Ix-xhud qal ukoll li s-soċjetà konvenuta rebħet diversi kuntratti ta' xogħol u diversi *awards* u minkejja l-allegazzjonijiet li għamel l-attur li hija ma kellhiex riżorsi adegwati biex taħdem fuq il-proġett tiegħu, hija kumpannija rinomata sew fil-qasam tal-informatika. Ix-xhud qal li dan jikkontrasta bil-kbir mal-fama tal-attur, li minkejja li straħ fuq CVs li tniżżlu minn siti bħal LinkedIn u siti simili sabiex juri

l-kwalifiki ta' persuni li suppost li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-proġett tiegħu u sabiex jivverifika jekk dawn kellhomx saħansitra l-kompetenza li jagħmlu dak ix-xogħol, l-attur innifsu m'għandu l-ebda preżenza *online* u tiftix dwaru ma jagħti l-ebda riżultat.

Fl-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2018 sar il-kontroeżami ta' **David Vella**[55], li qal li kuntrarjament għal dak li xehed l-attur, dan kien ta dokument ta' tletin paġna lis-soċjetà konvenuta b'*wish list* ta' dak li xtaq li jara implimentat, li iżda kien nieqes mid-dettall u li kien diffiċli ferm għalih li jifhem x'kienu l-ħtiġijiet tal-klijent f'dan il-każ. Ix-xhud ta prova tad-diversi kompetenzi tiegħu, in vista tal-allegazzjonijiet tal-attur li hu mhux kapaċi juża lingwa bħall-*Javascript*, u qal li minkejja li l-attur allega li kważi ma sar l-ebda xogħol min-naħa tas-soċjetà konvenuta fuq il-proġett tiegħu, fil-verità r-ritmu tax-xogħol kien iddettat biss mill-attur u mill-esiġenzi tiegħu, u t-tfixkil li kellu l-proġett kien dovut biss għall-aġir tal-attur u ta' ħadd aktar. Dan il-kontroeżami tkompla fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2018[56], minn fejn jirriżulta li x-xhud kien ġibed l-attenzjoni tal-attur dwar id-diffikultajiet li kellu rigward l-ispeċifikazzjonijiet li kien ta lis-soċjetà konvenuta.

Fl-istess udjenza tkompla l-kontroeżami ta' **Kenneth Bone**[57], li qal li l-proġett tal-attur ma kienx twassal sal-istadju li seta' jitlesta, u l-proġett kien ġie terminat minnu f'Novembru tal-2013 minħabba li d-dewmien fuq dan il-proġett kien dovut għall-fatt li l-attur ma tax speċifikazzjonijiet ċari dwar x'kien rikjest minnu. Ix-xhud qal li f'korrispondenza li huwa bagħat lill-attur, kien infurmah li l-proġett ma setax jitkompla mis-soċjetà konvenuta minħabba

[55] *A fol.* 1817 tal-proċess.
[56] *A fol.* 1824 tal-proċess.
[57] *A fol.* 1841 tal-proċess.

li x-xogħol tagħha oriġinarjament kellu jkun li taħdem fuq l-għoxrin fil-mija (20%) li l-kuntrattur ta' qabel ma kienx irnexxielu jlesti, u mhux li tagħmel *functional specification* u xogħol ieħor kollu hi, għaliex dan ix-xogħol kien jirrikjedi sigħat twal ta' xogħol. Dwar il-livell ta' kooperazzjoni muri minn Hawkins kull darba li ntalab mis-soċjetà konvenuta jipprovdi informazzjoni jew *data,* ix-xhud qal illi dak li ngħata mill-attur ħafna drabi jew ma setax jiġi implimentat jew ma kienx deskritt b'mod adegwat, tant hu hekk il-*budget* ta' disat elef Euro (€9,000) kien ser jinqabeż:

> *"So I ask him for technical documentation from the previous suppliers. He did not give us that. I asked him for technical documentation from a previous document. I didn't get that. We needed clarifications from the previous supplier. We didn't get those. They disappeared. I needed, specifically to that source code, or not? There were parts of that code that were missing libraries. ...".*

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti tat qies xieraq lill-provi voluminużi miġjuba quddiemha mill-partijiet, atti proċesswali li jlaħħqu kważi elfejn (2,000) paġna, wara sigħat twal ta' smigħ ta' xhieda u ġbir ta' provi, u ħadet konjizzjoni tan-noti dettaljati mressqa mill-partijiet fil-kawża, sabiex setgħet tagħmel l-analiżi meħtieġa in vista tad-diversi talbiet tal-attur rikonvenzjonat kif ukoll tal-eċċezzjonijiet u l-kontrotalbiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti. In suċċint din il-kawża oriġinat minn servizz li l-attur ikkontratta lis-soċjetà konvenuta biex tipprovdilu, u li għalih kellu jitħallas korrispettiv ta' disat elef Euro (€9,000), filwaqt li l-ftehim bejn il-partijiet kien li dan is-servizz kellu jitlesta fi żmien tmien (8) ġimgħat, iżda li spiċċa f'kawża għal danni pretiżi mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin. L-attur jallega li hu tilef eluf kbar ta' Euro fi profitti li kien

ipproġetta li ser jagħmel meta fassal dan il-proġett, liema proġett però għadu sal-lum ma jiffunzjonax u ma jrendi l-ebda tip ta' introjtu jew profitt. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta tallega li l-aġir tal-attur kważi kważi wassalha fl-estremità li kienet ser ixxolji l-operat tagħha minħabba li l-attur intavola mandati ta' sekwestru fuq il-kontijiet bankarji tagħha u fuq kredituri tagħha, liema mandati ħallew impatt fuq l-operabilità tagħha u fuq l-impjegati tagħha, tant li f'temp ta' ftit ġimgħat irriżenjaw kważi nofs l-impjegati li kellha s-soċjetà konvenuta.

Din il-kawża hija riżultat ta' dak li fil-qasam tal-informatika u tal-*media* hu magħruf bħala *development* (jew *production) hell* jew *development limbo,* sitwazzjoni li jsib ruħu fiha kull min b'xi mod jipprova jiżviluppa kunċett jew idea li għal xi raġuni jew oħra ddum żmien twil biex timmaterjalizza, jekk din qatt tasal biex timmaterjalizza. L-attur ikkontratta lis-soċjetà konvenuta għal xogħol ta' żvilupp ta' *website* intiża għas-suq finanzjarju, u li x-xogħol fuqha kien diġà nbeda minn kumpannija oħra li kienet itterminat l-operat tagħha, u għalhekk l-attur ħtieġlu jsib *developer* ieħor sabiex jipprestalu l-istess servizz b'mod urġenti.

Mill-provi jirriżulta li prattikament wara ftit laqgħat u skambji ta' korrispondenza bejn il-partijiet, kien hemm qbil dwar il-qafas tal-proġett. Minn dak li setgħet tikkonkludi s-soċjetà konvenuta abbażi ta' dak li ntqal lilha mill-attur u mid-dokumenti li pprovdielha l-attur fl-istadju inizjali tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, kien hemm qbil li x-xogħol meħtieġ fuq il-proġett tal-attur seta' jitlesta fi żmien tmien (8) ġimgħat bi prezz li ġie ridott għal disat elef Euro (€9,000), minn stima oriġinali ta' tnax-il elf u ħames mitt Euro

(€12,500). Dan wara li ġie stabbilit li kien hemm parti mix-xogħol meħtieġ għall-proġett li kien diġà tlest mid-developer ta' qabel.

Il-Qorti setgħet tapprezza mill-provi prodotti quddiemha, li l-ispeċifikazzjonijiet b'rabta ma' dan il-proġett ma kinux ben definiti minn qabel beda x-xogħol, u dak li mad-daqqa t'għajn deher li kien proġett faċli u li seta' jitlesta fi fti ġimgħat, beda jikkomplika ruħu partikolarment minħabba li l-attur b'mod kontinwu beda jbiddel ir-rekwiżiti tiegħu, il-livell ta' dettall u l-*goalposts* tal-proġett. Kif setgħet tapprezza l-Qorti mill-provi prodotti, min-naħa tas-soċjetà konvenuta jidher li kien hemm diffikultajiet da parti tal-persuni li kellhom jaħdmu fuq il-proġett tal-attur sabiex jifhmu x'kienu eżattament l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett, u minkejja li fil-bidu tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet intqal li dawn kienu ben definiti u kien diġà sar ħafna xogħol f'dak ir-rigward mill-kumpannija li kienet oriġinarjament bdiet taħdem fuq il-proġett tal-attur, meta nbeda x-xogħol, mill-ewwel ftit jiem prattikament, deher evidenti għal esponenti ewlenin tas-soċjetà konvenuta, bħal Adrian Mizzi u David Vella, li l-proġett tal-attur kien ferm aktar ikkumplikat u kien jirrikjedi ferm aktar ħin minn kif kienet ingħatat l-impressjoni oriġinarjament. Din is-sitwazzjoni kritika ma damitx ma antagonizzat lill-partijiet fil-konfront ta' xulxin, bl-attur jallega li s-soċjetà konvenuta ma kellhiex ir-riżorsi meħtiġa biex tassigura li proġett bħal tiegħu jimmaterjalizza u li l-persuni li ħadmu fuq il-proġett tiegħu ma kellhomx il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għal dan il-għan, u f'dan ir-rigward il-Qorti semgħet kemm ix-xhieda tal-attur kif ukoll rat x'inkiteb fid-diversi skambji ta' korrispondenza li għaddew bejn il-partijiet. L-attur allega wkoll li kien nieqes għalkollox l-element tal-buona fede da parti tas-soċjetà konvenuta fir-relazzjoni tagħha mal-attur, u l-ftit xogħol li tlesta minnha ma kienx skont dak

li jitolbu s-sengħa u l-arti, tant li l-ebda parti mill-*components* ipprovdut lilu mis-soċjetà konvenuta ma kienet tiffunzjona.

Min-naħa l-oħra esponenti tal-konvenuta rikonvenzjonanti qalu li sa minn prattikament ftit ġranet wara li nbeda x-xogħol fuq il-proġett tal-attur, huma setgħu jikkonstataw illi minkejja l-assigurazzjonijiet li kien ta l-attur li l-proġett kien tlesta f'parti sostanzjali minnu mill-kuntrattur li ħadem fuq il-proġett qabel dan ġie mgħoddi lis-soċjetà konvenuta, dan ma kien minnu xejn, u għall-bidu li impjegati tas-soċjetà konvenuta bdew jaħdmu fuq il-proġett tal-attur, dawn kellhom iqattgħu ħin konsiderevoli jaħdmu fuq xogħol li suppost li kien diġà lest, bħad-disinn u xogħol preparatorju ieħor, u għalhekk meta għadda l-perijodu ta' żmien maqbul bejn il-partijiet għat-tlestija tal-proġett, dan kien għadu ferm 'il bogħod milli jitlesta. Kien hawnhekk li r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tiddeterjora, b'laqgħat bejn il-partijiet li minkejja li nżammu fuq medda ta' sigħat twal, ma wasslu għall-ebda soluzzjoni, b'impjegati tas-soċjetà konvenuta jsostnu li ma kienx jagħmel sens finanzjarju li l-proġett tal-attur jitkompla bil-limitazzjonijiet ta' ħin u tal-*budget* kif miftiehem, sitwazzjoni din li wasslet biex l-attur ħa l-proġett tiegħu għand developer ieħor, li minn dak li fehmet il-Qorti, ukoll ma setax ilesti l-proġett kif rikjest mill-attur. Eventwalment is-sitwazzjoni ddeġenerat tant li l-attur istitwixxa l-proċeduri odjerni kontra s-soċjetà konvenuta, b'din tal-aħħar tressaq kontrotalba bil-pretensjonijiet tagħha in vista tal-fatt li din qiegħda tallega li sofriet danni konsegwenza tal-aġir tal-attur.

Il-Qorti rriskontrat diversi inkonsistenzi fix-xhieda mogħtija quddiemha u tagħmilha ċara li minkejja li semgħet lill-partijiet jixhdu għal sigħat twal, baqgħet mhix konvinta mill-veraċità ta' ċerti aspetti tax-xhieda mogħtija

quddiemha. Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet kontraposti għal xulxin fix-xhieda miġjuba quddiemha. Anzi meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoé jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.

Dwar l-apprezzament tal-provi li jrid isir mill-ġudikant, f'sentenza fl-ismijiet **George Bugeja *vs.* Joseph Meilak**[58] ingħad:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Bl-istess mod f'sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina *vs.* Fithome Ltd**[59] ġie ritenut illi:

> "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."[60]

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et *vs.* William Rizzo et**[61] il-Qorti qalet:

> "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat* (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta'

[58] P.A., 30.10.2003.
[59] Q.A., 06.05.2011.
[60] Ara wkoll **Dr. Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.
[61] P.A., 28.04.2004.

Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra pero mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Il-Qorti għalhekk trid tasal għad-deċiżjoni finali tagħha abbażi tal-konvinċiment morali tagħha dwar liema mill-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet x'aktarx li għandha mis-sewwa, u għalkemm huwa probabbli wkoll li kull wieħed mill-partijiet qal affarijiet li kienu veritiera u oħrajn le, il-Qorti trid tagħmel apprezzament ta' dak kollu li semgħet sabiex tasal għal dak li verament seħħ fir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet.

Minn dak li jirriżulta mill-provi, jidher ċar li filwaqt li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet bdiet fuq nota tajba, bis-soċjetà konvenuta turi ħerqa biex tattira lejha xogħol mingħand l-attur, u dan għaliex il-biċċa xogħol li ngħatat mill-attur kienet waħda *run of the mill* għaliha. Madankollu wara biss ftit tal-ġranet bdew jinqalgħu bosta diffikultajiet u intoppi. Il-Qorti qieset li għad li l-attur xehed li huwa mhux bniedem tekniku u li m'għandux il-kompetenza biex

jiżviluppa jew jiddisinja *website* hu stess, madankollu jirriżulta li l-attur ipprova jgħid tiegħu u beda jiddetta dwar kull aspett tax-xogħol li kien qiegħed isir mis-soċjetà konvenuta, b'dubji u suspetti kontinwi dwar kemm is-soċjetà konvenuta u l-impjegati tagħha kellhom il-kompetenzi meħtieġa biex jagħmlu x-xogħol rikjest minnu. Barra minn hekk l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett kienu qegħdin jinbidlu mill-attur fuq bażi regolari.

Il-Qorti kellha l-opportunità tosserva l-komportament u mal-imġiba tal-attur waqt id-depożizzjoni tiegħu, kif ukoll is-sustanza tax-xhieda mogħtija minnu, partikolarment dak li qal fir-rigward tal-iżvilupp tal-algoritmi għat-tħaddim tal-proġett tiegħu, li bħal donnu ma kienx ċert jekk żviluppahomx hu waħdu, jew inkella kienx hemm l-involviment ta' ħaddieħor; ir-riluttanza li wera biex jagħti l-isem ta' persuna li suppost kienet qiegħda taħdem miegħu fit-tfassil tal-algoritmi, u meta ta isem din il-persuna, l-Qorti setgħet tikkonstata li fl-udjenza preċedenti din il-persuna kienet diġà ssemmiet u kien ġie stabbilit li dan kien miet tliet xhur qabel; il-fatt li l-attur xehed li l-proġett odjern li ilu *works in progress* għal għadd ta' snin, għadu sal-lum mhux jiffunzjona kif suppost; l-fatt li meta mistoqsi dwar ir-raġuni għal dan l-attur qal li s-sistema ma tistax taħdem minħabba fil-*bugs* li tefa' fiha Andrew Holland; il-fatt li f'ħin minnhom l-attur saħanistra qal li x-xogħol li għamel fuq dan il-proġett kien għall-karità, u li sa issa dan il-proġett għadu ma rrenda l-ebda introjtu, aħseb u ara kemm iġġenera profitt. Il-Qorti qieset ukoll il-fatt li minkejja li l-attur għamel enfasi kbira u saħansitra tella' persuni biex jixhdu fuq il-profil *online* tagħhom u fuq il-preżenza *online* tagħhom, b'allegazzjonijiet li wieħed minnhom jibbloggja waqt il-ħin li fih suppost kienu qegħdin jaħdmu fuq il-proġett tiegħu, jew li s-CV li tidher taħt il-LinkedIn profile tagħhom hija nieqsa minn xi dettalji, madanakollu l-attur innifsu jidher li m'għandu l-ebda

preżenza ta' dat-tip *online* u ħadd ma jaf eżattament x'jagħmel jew xi profil professjonali bena għalih, tant li esponenti tas-soċjetà konvenuta li xehdu li xtaqu jagħmlu eżerċizzju simili għal dak li sar fil-konfront ta' impjegati tagħhom, iżda fil-konfront tal-attur, xehdu li tiftix fuq is-sistema *google* dwar l-attur ma jagħti l-ebda riżultat.

Il-Qorti qieset il-kwalità tal-provi mressqa u x-xhieda prodotti miż-żewġ partijiet fil-kuntest ta' kawża li l-mertu tagħha huwa kuntratt għall-valur ta' ftit eluf ta' Euro, kawża li twalet inutilment b'paġni fuq paġni ta' dokumenti suppost sabiex jissostanzjaw ċerti argumenti pwerili u tedjanti tal-attur[62], u għad-diversi xhieda li ntalbu jixhdu dwar ir-relazzjoni kummerċjali tagħhom mas-soċjetà konvenuta f'tentattiv biex jitfgħu f'dell ikrah l-operat tagħha. Dan meta x-xhieda mogħtija mill-attur fir-rigward tar-relazzjoni tiegħu mas-soċjetà konvenuta u mal-impjegati u l-esponenti ewlenin tagħha, kienet nieqsa mil-livell ta' dettall meħtieġ biex il-Qorti tasal għall-konvinċiment morali li kien hemm ksur tal-obbligi kontrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta, jew li l-attur sofra xi danni, speċjalment wara li ġie kkonfermat mill-attur stess li l-proġett tiegħu għadu sal-lum mhuwiex jiffunzjona jew irendi xi tip ta' introjtu.

Il-Qorti qieset ix-xhieda prodotta mill-partijiet fir-rigward tal-aktar aspett kruċjali ta' din ir-relazzjoni kummerċjali, jiġifieri jekk l-ispeċifikazzjonijiet li ladarba jintlaħaq qbil dwarhom bejn il-partijiet, kellu jinbeda l-proġett, kinux ingħataw jew le mill-attur, u jekk ingħataw xi tip ta' speċifikazzjonijiet kienu, senjatament jekk kinux il-*functional specifications* rikjesti mis-soċjetà konvenuta sabiex din setgħet teżegwixxi l-inkarigu mogħti lilha. Mix-xhieda ta' David Vella u Adrian Mizzi joħroġ ċar li l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mill-attur

[62] Ara b'mod partikolari id-diversi *printouts* mid-*Disqus account* ta' Andrew Holland.

lis-soċjetà konvenuta ma kinux sufficjenti biex din setgħet taħdem fuq il-proġett. Mix-xhieda li ta Adrian Mizzi jirriżulta li minkejja li l-attur pprovda xi dokumenti jew xi tip ta' speċifikazzjonijiet lis-soċjetà konvenuta, dawn ma kinux biżżejjed biex l-uffiċjali tekniċi li kellhom jaħdmu fuq il-proġett jifhmu eżattament x'ried l-attur.

Il-Qorti tqis li tenut kont tal-fatt li l-proġett tal-attur għadda minn taħt idejn diversi *developers* oħrajn wara li ġiet itterminata r-relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà konvenuta, li lkoll donnhom kellhom diffikultajiet jew biex jifhmu eżattament x'ried l-attur mill-proġett tiegħu jew biex jaħdmu miegħu, kif jirriżulta bl-aktar mod evidenti mix-xhieda ta' Andrew Holland, lanqas l-attur innifsu ma kien jaf preċiżament fejn ried jasal bil-*website* tiegħu. Li kieku l-attur tassew kien jaf fejn eżattament ried jasal bil-proġett tiegħu, ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lis-soċjetà konvenuta jinbidlu erba' darbiet, saħansitra anki wara li kien inbeda x-xogħol fuq il-proġett.

Il-Qorti tinsab konvinta li s-soċjetà konvenuta permezz tal-impjegati tagħha ddedikat ħin konsiderevoli għall-proġett tal-attur, tant li xhud minnhom, Carla D'Anastasi, qalet li hija qattgħet madwar xahrejn taħdem fuq id-*design* tal-proġett fuq bażi *full-time,* u minn korrispondenza li tinsab in atti jirriżulta wkoll li fil-bidu tar-relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà konvenuta, l-attur kien sorpriż b'mod pożittiv li impjegati tas-soċjetà konvenuta kienu disponibbli biex jassistuh u jwieġbu għad-diffikultajiet tiegħu permezz ta' *emails* anki saħansitra fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. Għal dan ix-xogħol li s-soċjetà konvenuta ħarġet pagi lill-impjegati tagħha, u għal xogħol ieħor bħal-laqgħat li saru u li ħadu ħin konsiderevoli, l-attur ma effettwa l-ebda ħlas għajr għall-

ħlas ta' tlett elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro (€3,776) li s-soċjetà konvenuta tgħid li kien depożitu akkont, filwaqt li l-attur jgħid li kien ammont ta' flus li ġie mħallas mill-attur għar-*review system* u għat-tlestija tad-*development phase,* liema ammont l-attur jgħid li għandu jintradd lura lilu peress li l-proġett ma tlestiex mis-soċjetà konvenuta. Il-Qorti tqis li għajr għall-ħlas ta' €3,776, l-attur m'għamel l-ebda ħlas ieħor lis-soċjetà konvenuta, u dan meta jidher li għal ġimgħat sħaħ kien kuntent bis-servizz li kien qiegħed jingħata, u meta hu kien ben edott mill-fatt, minħabba l-parteċipazzjoni attiva tiegħu f'kull stadju tal-proġett, li kien hemm diversi persuni li ġew ingaġġati mis-soċjetà konvenuta li qattgħu ħin konsiderevoli jaħdmu fuq il-proġett tiegħu. Jirriżulta wkoll li l-profitti pproġettati mill-attur u li qiegħed jippretendi li din il-Qorti għandha tillikwida favur tiegħu bħala danni, ma kinux ibbażati fuq għarfien veru tal-mod kif kellu jaħdem in-negozju tal-attur, li fuq ammissjoni tiegħu stess għadu ma ġġenera l-ebda profitt. Għalhekk il-Qorti ma tistax tillikwida xi forma ta' danni għal telf ta' profitti 'potenzjali' sofferti mill-attur, meta sentejn wara li dan il-proġett suppost li tlesta, għadu ma ġġenera l-ebda introjtu jew xi forma ta' profitt, u meta ma jirriżultax li hemm xi ness bejn l-allegati telf ta' profitti u l-aġir tas-soċjetà konvenuta fil-konfront tal-attur.

L-attur jippretendi wkoll li l-Qorti għandha tillikwida l-ammont ta' madwar ħamsa u tletin elf Euro (€35,000) rappreżentanti spejjeż li hu għamel sabiex sab *developer* ieħor li kien dispost ilesti l-proġett li suppost kellu jitlesta mis-soċjetà konvenuta. Dwar dan il-Qorti tosserva li l-ingaġġ ta' kuntrattur ġdid u l-korrispettiv miftiehem miegħu kien *res inter alios acta* għar-relazzjoni mas-soċjetà konvenuta, u l-fatt li minkejja li l-attur ħallas l-allegata somma ta' €35,000, il-proġett xorta waħda għadu mhux jopera kif suppost tant li għadu

qiegħed jiġi ttestjat minn udjenza limitata. Dan jimplika li dak li ppretenda l-attur li jsir bil-*budget* miftiehem mas-soċjetà konvenuta ta' disat elef Euro (€9,000), ma kienx jagħmel sens kummerċjali, ladarba għal *più o meno* l-istess xogħol l-attur ħtieġlu jħallas s-somma ta' ħamsa u tletin elf Euro (€35,000), u dan meta lanqas wara li effettwa dan il-ħlas ma ħa l-prodott jew is-servizz li xtaq hu.

Pretensjoni oħra tal-attur hi għal-likwidazzjoni ta' spejjeż li allegatament inkorra sabiex ingaġġa ditta ta' avukati fi New York permezz ta' *retainer* u sabiex kera uffiċini fl-istess belt. Il-Qorti tqis li l-attur ma ressaq l-ebda prova ta' ness kawżali dirett bejn l-ingaġġ ta' avukati fi New York u l-fatt li s-soċjetà konvenuta ma lestietx il-*website* tal-attur fiż-żmien miftiehem bejn il-partijiet. Tqis ukoll li ladarba l-attur xehed li hu ilu involut fil-qasam tas-swieq finanzjarji għal numru ta' snin, tant li żviluppa algoritmi li ssarrfu fi proġett li qiegħed jitħaddem, hu ferm aktar probabbli li l-*law firm* fi New York ingħatat *retainer* b'rabta ma' negozji jew interessi oħrajn li l-attur jista' jkun involut fihom, milli b'rabta mal-proġett mertu tal-kawża. Il-Qorti qieset li minkejja li l-attur allega li l-iżvilupp tal-*website* tlesta minn developer ieħor, dan għadu mhux jiffunzjona kif suppost, tant li s-servizz li huwa qiegħed jipprospetta li joffri, għadu mhux offrut lill-pubbliku iżda biss lil udjenza limitata u ristretta. Quddiem dan kollu l-Qorti ssaqsi kemm kien għaqli u tagħmel sens id-deċiżjoni tal-attur li jingaġġa ditta tal-avukati proprju fi New York u jtihom *retainer* qabel aċċerta ruħu li l-prodott offrut minnu kien ser jiffunzjona u li kien vijabbli kummerċjalment.

Il-Qorti tqis għalhekk li ma ġiex ipprovat sal grad rikjest mil-liġi li kien hemm ksur tal-obbligi kontrattwali naxxenti mil-liġi jew ksur tal-kuntratt maqbul bejn

il-partijiet fit-8 ta' Lulju, 2013, stante li jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-fatt li l-proġett ma tlestiex fil-ħin kien riżultat tan-nuqqas li tingħata informazzjoni ċara u diretta mill-attur lis-soċjetà konvenuta dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett tiegħu, u mhux għax is-soċjetà konvenuta ma wettqitx l-inkarigu mogħti lilha skont is-sengħa u l-arti. Il-pretensjonijiet tal-attur għal-likwidazzjoni tad-danni m'għandhomx jitqiesu li huma ġustifikati fiċ-ċirkostanzi, bħalma lanqas mhija ġustifikata l-pretensjoni tal-attur għar-rifużjoni tas-somma ta' tliet elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro (€3,776) li tħallsu lis-soċjetà konvenuta fl-istadju inizjali tal-proġett, u dan għaliex is-soċjetà konvenuta b'xi mod għandha l-jedd li tiġi riżarċita tal-ħin li impjegati u esponenti tagħha damu jaħdmu fuq il-proġett tal-attur, u li għalih ma sar ebda ħlas mill-attur għajr għal dan l-ammont li kien ħallas bħala depożitu.

Fil-kontrotalba tagħha s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti talbet lill-Qorti tiddikjara li l-attur inqeda bis-servizzi tagħha in mala fede u b'intenzjonijiet qarrieqa, u għamlet talba oħra għal dikjarazzjoni li l-mandat ta' sekwestru 476/15 fl-ismijiet **Hawkins *vs.* Seasus Ltd** kellu effetti li kienu dannużi tant li s-soċjetà konvenuta tallega li minħabba dan il-Mandat kienu telquha għadd ta' impjegati, u kienet f'xifer ta' falliment. Is-soċjetà konvenuta tgħid li dan il-mandat kien sar b'intenzjoni malizzjuża u/jew mingħajr fundament legali u/jew fattwali, liema aġir ikkawża danni lis-soċjetà konvenuta. Il-Qorti tirrileva li dawn l-allegazzjonijiet min-naħa tas-soċjetà konvenuta ma ġewx sostanzjati minn ebda prova prodotta minnha, u tqis ukoll li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet oriġinarjament kienet waħda ta' negozju li l-partijiet daħlu fih bil-ħsieb li dan jirnexxi, u mhux b'xi intenzjoni li xi parti tqarraq bl-oħra. Jista' jkun li s-soċjetà konvenuta wriet ħerqa żejda meta aċċettat l-inkarigu tal-attur u qablet dwar il-prezz meta l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett kienu għadhom

ma ġewx definiti u ma kienx hemm qbil dwarhom bejn il-partijiet, iżda mkien mill-provi ma jirriżulta li l-attur kellu intenzjonijiet frawdolenti meta kkontratta mas-soċjetà konvenuta, li wara kollox kienet libera li ma taċċettax l-inkarigu mogħti lilha mill-attur jew li tieħu ż-żmien tagħha biex tivverifika li l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lilha mill-attur kienu tali li impjegati tagħha setgħu jifhmu eżattament x'kellu f'moħħu l-attur u x'tip ta' servizz kien qed jirrikjedi. Din il-Qorti kf preseduta kienet ppronunzjat ruħha fir-rigward tal-mandat ta' sekwestru 476/15 fl-ismijiet **Hawkins *vs.* Seasus Limited**, fis-sens li l-ammont oriġinarjament ikkawtelat b'dak il-mandat, dak ta' tliet mitt elf Euro (€300,000) kien ġie ridott għal ħamsin elf Euro (€50,000) stante li l-Qorti dehrilha li l-ammont oriġinali milqut bil-mandat kien wieħed esaġerat, u ż-żmien taha raġun, peress li rriżulta li minkejja li għadda dan iż-żmien kollu minn meta l-proġett tal-attur ġie varat, dan għadu sal-lum ma ġġenera l-ebda forma ta' introjtu. Il-Qorti tqis li ma tistax tiċċensura l-fatt li xi parti jew oħra tagħżel li tagħmel użu mill-proċeduri legali għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tissalvagwardja l-interessi u l-jeddijiet li tippretendi li għandha. Bħalma kien intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Mercieca *vs.* George Galea**[63]:

> "...id-dritt per se għall-azzjoni gudizzjarja ma għandu bl-ebda mod jigi preġudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipproteggi l-interess tagħha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti."

Spiss jiġri li f'każijiet ta' din ix-xorta persuna li tkun tixtieq tikkawtela jedd li temmen li għandha, tagħmel użu mill-jedd li tagħtiha l-liġi li tissekwestra jew taqbad assi li jkunu fil-pussess tal-banek sabiex tassigura li f'każ li l-proċeduri legali fil-mertu jkollhom eżitu favorevoli għaliha, dak il-ġudizzju jkun jista' jiġi esegwit. Min-naħa l-oħra jeżisti riskju li meta l-kontroparti tkun soċjetà ta'

[63] P.A., 29.11.2001.

daqs żgħir jew medju, kif inhi s-soċjetà konvenuta, li din tgħaddi minn perijodu xejn faċli, tant hu hekk ġie perijodu fuqha fejn l-effetti tal-mandat ta' sekwestru ġabu lis-soċjetà konvenuta litteralment għarkupptejha.

Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda titlob il-likwidazzjoni ta' danni allegatament subiti minnha billi ż-żewġ mandati ta' sekwestru kawtelatorji intavolati mill-attur ġabu tfixkil fl-operat tagħha fix-xhur minn Marzu 2015 sa Frar 2016, billi wasslu għal dewmien fil-ħlas ta' kontijiet, ħlas ta' penali, u riżenji ta' impjegati. Il-Qorti tirrileva li minkejja li jidher li s-soċjetà konvenuta għaddiet minn perijodu ta' diffikultajiet minħabba li l-assi bankarji tagħha ġew milquta b'dak il-mod, madankollu ma tara l-ebda korrelazzjoni bejn l-allegazzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, li ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi, tant li lanqas l-ismijiet tal-impjegati li rriżenjaw ma ġew prodotti, u ma ġie ppreżentat l-ebda prospett dettaljat tal-ispejjeż u penali inkorsi mis-soċjetà konvenuta konsegwenza tal-fatt li ġew intavolati l-imsemmija mandati, u l-aġir tal-attur, li wara kollox kellu jedd sanċit mil-liġi li jikkawtela l-pretensjoni tiegħu b'kull mezz li tagħtih il-liġi. Għaldaqstant lanqas din it-talba mhija qiegħda tiġi milqugħa.

Is-soċjetà konvenuta allegat ukoll li sofriet telf ta' kuntratt li l-valur tiegħu kien jilħaq it-tliet mija u tlieta u tletin elf, u wieħed u ħamsin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€333,051.25), liema kuntratt ġie rexiss wara li t-*team* kollu ta' impjegati tas-soċjetà konvenuta li ġew assenjati biex jaħdmu fuqu, irriżenjaw minħabba fl-aġir tal-attur. Tenut kont li l-provi prodotti mis-soċjetà konvenuta f'dan ir-rigward jikkonsistu biss f'*email,* mingħajr ebda dettall ieħor li jorbot l-aġir tal-attur direttament mal-fatt li ntilef dan il-kuntratt kbir mis-

soċjetà konvenuta, wara r-riżenja ta' diversi impjegati tagħha, il-Qorti tqis li anki din it-talba għal-likwidazzjoni tad-danni m'għandhiex tiġi milqugħha.

__Decide__

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad it-talbiet kollha tal-attur;**

2. **Tilqa' l-ewwel kontrotalba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti sa fejn din talbet lill-Qorti tiddikjara li hija aġixxiet in buona fede u ma kisret l-ebda obbligu kontrattwali fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat;**

3. **Tiċħad it-tieni u t-tielet kontrotalba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti stante li mill-provi ma jirriżultax li l-attur rikonvenzjonat inqeda bis-servizzi tagħha in mala fede u b'intenzjoni qarrieqa, u lanqas ma jirriżulta li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 476/15 ġie intavolat mill-attur rikonvenzjonat b'intenzjoni malizzjuża u/jew mingħajr fundament legali u/jew fattwali;**

4. **Tilqa' l-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnha limitatament billi tiddikjara li l-ammont ta' tlett elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro (€3,776) li l-attur rikonvenzjonat kien ħallas lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti bħala depożitu fuq il-kuntratt, għandu jinżamm mis-**

**soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti bħala kumpens għas-sigħat twal ta' xogħol li esponenti u impjegati tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti damu jaħdmu fuq il-proġett tal-attur rikonvenzjonat, li għandu min-naħa tiegħu jħallas lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti bħala danni kontrattwali l-bilanċ rimanenti tal-valur tal-kuntratt inkwistjoni u ċjoé s-somma ta' ħamest elef, mitejn u erbgħa u għoxrin Euro (€5,224);**

5. **Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat James Hawkins iħallas lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti Seasus Limited id-danni hekk likwidati.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu żewġ terzi mill-attur u terz mis-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.